# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 24 ta' Gunju 2016**

**Numru 7**

**Rikors Numru 24/10 JZM**

**David Mifsud**

**v.**

**L-Onorevoli Prim Ministru,**
**L-Avukat Generali,**
**Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud,**
**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell maghmul mill-konvenuti minn tliet sentenzi moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, fid-9 ta' Frar 2012, fit-30 ta' Jannar 2014 u fl-10 ta' Dicembru 2015.

Fatti

2. Jirrizulta illi l-attur kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati [Malta] bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali [il-Qorti tal-Magistrati] talli naqas milli jipprezenta d-denunzji ghaz-zmien ta' Ottubru 1999, Jannar 2000, April 2000 u Lulju 2000.

3. Fis-7 ta' Frar 2002 l-attur kien immultat mill-imsemmija qorti s-somma ta' Lm100 ghal-perjodi fuq indikati u nghata xahrejn zmien sabiex jirregola ruhu; fin-nuqqas kien jehel is-somma ta' Lm6 kuljum sa ma jottempera ruhu. L-attur inkorra din il-penali.

4. Fis-17 ta' Novembru 2005, fi procediment kriminali iehor, l-attur instab hati talli naqas milli jottempera ruhu mal-ordni moghtija fis-sentenza tas-7 ta' Frar 2002 u wehel penali ta' Lm3,132 riferibbilment ghaz-zmien ta' bejn it-8 ta' April 2002 u l-11 ta' Settembru 2003.

5. Billi l-attur baqa' ma ottemperax ruhu, hargu akkuzi ohra kontra tieghu u fl-20 ta' Frar 2008, huwa nstab hati mill-Qorti tal-Magistrati talli naqas milli jottempera ruhu mas-sentenza tas-7 ta' Frar 2002 bir-rizultat li wehel multa ta' €11,111.11.

6. Ghall-istess perjodi li dwarhom huwa nstab hati mill-Qorti tal-

Magistrati, kienu gia` hargu fuqu mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud [il-Kummissarju] late *return penalties*, *short payment penalties* u imghaxijiet, jigifieri penali amministrattivi.[1] Skont dokument prezentat mir-rapprezentant tal-Kummissarju fis-sena 2012 dan kellu *"outstanding balance"* mad-Dipartiment ta' €39,728.64 li minnu €39,471.20 kienu deskritti bhala *"Total Interest & Administrative Penalties"*[2], filwaqt li r-rimanenti €257.44 kienu deskritti bhala *"Tax Payable not paid*"[3].

7. Ix-xhud Paul Scicluna, rapprezentant tal-Kummissarju, [4] fuq domanda maghmula lilu, jekk meta gew imposti fuq l-attur il- *late return penalty* u s-*short payment penalty* ittiehitx kont tal-penali li kien wehel fi proceduri kriminali ghall-istess nuqqasijiet huwa iwiegeb fin-negattiv ghax kif spjega hu, wahda hi ta' natura amministrattiva filwaqt li l-ohra hija ta' natura kriminali.

8. Ghalhekk l-attur jilmenta li, bis-sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati meta l-multi amministrattivi kienu ghadhom pendenti u wkoll kienu baqghu jizdiedu, huwa gie assoggettat ghal pieni multiplici riferibbli ghall-istess fatt, jigifieri ghall-prezentata tardiva tar-returns tat-

---

[1] Dep. Paul Scicluna rapprezentant tal-Kummissarju – Fols. 318 sa 320 fejn, inter alia, spjega li l-late *return penalty* tigi intavolata malli tidhol id-denunzja sad-data tal-ottemperanza.
[2]Dok.VAT 3 prezentat Connie Azzopardi rapprezentant tal-Kummissarju – Fol. 200.
[3] *Ibid.*
[4] Li ghandu l-kariga ta' Spettur fis-sezzjoni legali tad-Dipartiment.

taxxa tal-VAT kif ukoll ghall-pagamenti bin-nuqqas.[5]

9. Fit-30 ta' Mejju 2012 l-attur ibbenefika minn skema mahruga b-Avviz Legali 112/2012 li permezz taghha huwa hallas l-ammont ta' €8,151.68 biex b'hekk inhafrulu l-multi u l-imghaxijiet.[6]

Talbiet

10. Fir-rikors promotur l-attur talbu lill-Qorti sabiex:

> "1. Tiddikjara illi, ghar-ragunijiet fuq esposti, is-subartikolu 3 tal-artikolu 83 tal-Kap 406 tal-Ligijiet ta' Malta jikser id-drittijiet u Libertajiet Fondamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-Kostituzzjoni ta' Malta fl-Artikolu 39 ;
>
> "2. Tiddikjara illi, ghar-ragunijiet fuq esposti, id-dispozizzjonijiet tas-subartiklu 3 tal-artikolu 83 tal-Kap 406 tal-Ligijiet ta' Malta jiksru id-drittijiet u Libertajiet Fondamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem:
> "(a) fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea inkorporat fl-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Ligjiet ta' Malta; u
> "(b) fl-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-istess Konvenzjoni;
>
> "3. Konsegwentement tiddikjara illi s-subartikolu 3 tal-Artikolu 83 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta huwa null u minghajr effett in kwantu leziv tal-Artikoli precitati tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni;
>
> "4. Tiddikjara konsegwentement illi kwalsijasi multa amministrattiva reklamata mill-intimat Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud a bazi tal-Artikolu 83(3) tal-Kap.406 jikkostitwixxu procedura penali

[5] Skont dok. VAT 2, riferribbli ghas-socjeta` Davison Co.Ltd, "intestat VAT 99", izda li ma jgib ebda data, prezentat mill-istess rappresentant jirrizultaw *Late Return Penalty* ta'€16,205.16, *Short Payment Penalty* ta' €18,507.64 u *Interest* ta' €7,380.02; b' kollox €42,092.82.
[6] Dep.Connie Azzopardi Fol.193.

b'kosegwenza ta' deterrent jew piena u li jrendu l-proceduri kriminali u pieni konsegwenzjali kif premessi nulli u minghajr effett;

"5. Tiddikjara illi, ghar-ragunijiet premessi f'dan ir-rikors, is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Frar 2008 fl-ismijiet *Il-Pulizija (Spettur Alexander Paul Miruzzi) vs David Mifsud* tikkostitwixxi ksur tal-jeddijiet fundamentali tar-rikorrent kif protetti:
"(a) fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;
"(b) fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea; u
"(c) fl-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;

"5. Thassar l-imsemmija sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Frar 2008 fl-ismijiet *Il-Pulizija (Spettur Alexander Paul Miruzzi) vs David Mifsud* fejn ir-rikorrent gie misjub hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu f'dawk il-proceduri u kkundannat ghal multa ta' hdax-il elf mija u hdax il-Ewro u hdax-il centezmu (€11,111.11);

"6. Konsegwentement tordna l-liberazzjoni immedjata tar-rikorrent minn kull imputazzjoni u htija fir-rigward tal-akkuzi kif migjuba kontrih fil-kawza imsemmija fit-talba precedenti;

"7. Tiddikjara illi bl-agir taghhom l-intimati jew min minnhom huma responsabbli tal-vjolazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif premess;

"8. Tiffissa kumpens xieraq dovut lir-rikorrenti ghall-vjolazzjonijiet fuq imsemmija;

"9. Tordna lill-intimati jew min minnhom ihallsu l-kumpens hekk likwidat lir-rikorrenti;

"10. Taghti kull rimedju, direttiva u kumpens iehor li jidhrilha xieraq u opportun a tenur tal-Artikoli 46 tal-Kostituzzjoni u 13 u 41 tal-Konvenzjoni Ewropea."

11. Il-konvenuti laqghu ghal dawn it-talbiet bl-eccezzjonijiet segwenti:

"1. Illi fl-ewwel lok l-Onorevoli Prim Ministru ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi ai termini ta' l-artikolu 181B tal-Kap. 12 mhuwiex legittimu kontradittur ;

"2. Illi fit-tieni lok, ir-rikorrent m'ghandux interess guridiku sabiex jattakka l-Artikolu 83(3) tal-Kap. 412 stante illi:

"i) huwa ammetta l-akkuza kontrih fiz-zewg proceduri kriminali li

ttiehdu kontrih quddiem il-Qorti tal-Magistrati, u cioe` dawk ta' l-2005 u 2008 rispettivament. L-ammissjoni hija indikazzjoni li ma kien hemm xejn fil-proceduri li r-rikorrent kien qed jara bhala rregolari. Ghalhekk ir-rikorrent ma jistax issa jissolleva lmenti dwar procedura illi hu ssottometta ruhu ghaliha kompletament fil-passat billi din issa saret ***res judicata***.

"ii) huwa ma uzax ir-rimedju miftuh ghalih illi jitlob referenza Kostituzzjonali fil-procedura ta' l-2008, u dan il-fatt mehud flimkien ma' l-ammissjoni msemmija aktar 'il fuq jekwivalu ghal akwijexxenza min-naha tar-rikorrent ;

"3. Illi inoltre u bla pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent naqas milli jezawrixxi r-rimedji ordinarji li kellu ghad-dispozizzjoni tieghu, konsistenti f'appell minn xi wahda jew aktar mis-sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fil-konfronti tieghu.

"4. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-mertu u dan ghar-ragunijiet segwenti:

"5. B'riferenza ghall-paragrafu 7 tar-rikors promotur, ir-rikorrent wehel il-penali stante li wara s-sentenza ta' l-2002 huwa kien baqa' ma ssottomettiex ir-returns tal-VAT rikjesti. Dan in-nuqqas baqa' jtul minn April 2002 sa Novembru 2005. Iz-zewg sentenzi li nghataw fl-2005 u 2008 ma kinux jirreferu ghan-nuqqas tar-rikorrent li jissottometti r-returns izda ghan-nuqqas tieghu li jhallas il-multa ta' kuljum li giet imposta fuqu bhala konsegwenza ta' dak in-nuqqas. Is-sentenzi jirreferu ghall-istess nuqqas ta' hlas izda f'zewg perjodi differenti, u ghalhekk m'humiex dwar l-istess fatt ;

"6. Illi b'riferenza ghall-paragrafu 8, it-tardivita` fil-pagament da parti tar-rikorrent ma tistax titqies bhala reat kontinwat.[7] Skond l-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali:

> "**18.** Meta d-diversi atti maghmulin mill-hati, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b`rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed, imsejjah reat kontinwat ..."

"Fil-kaz in ezami, in-nuqqas tar-rikorrent li jhallas il-multa akkumulata ma kienx riferibbli ghad-dispozizzjonijiet ta' xi ligi izda ghal sentenza tal-Qorti. Jekk wiehed jaccetta l-argument ta' l-attur dan ikun ifisser li sentenza tal-Qorti li ghaddiet in gudikat ma jkollhiex sahha assoluta, izda biss relattiva, billi l-hati jkun jista' jibqa' jisfida s-sentenza tal-Qorti ghax jaf li jekk jipprocedu darba kontrih ghall-multi ma jkunux jistghu

[7] "Skont l-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali: 'Meta d-diversi atti maghmulin mill-hati, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b`rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed, imsejjah reat kontinwat ...'".

jergghu jipprocedu aktar drabi. Ghalhekk, ma kien hemm ebda ksur tal-principju ***'ne bis in idem'*** fil-konfront tar-rikorrent.

"7. Illi b'referenza ghall-paragrafu 10, m'huwiex minnu li r-rikorrent m'ghandu ebda pendenzi ta' taxxa. "Fil-fatt, id-Dipartiment tal-VAT m'ghamilx deregistrazzjoni tar-rikorrent, kif hu qed jippretendi; pjuttost, ir-registrazzjoni tieghu giet 'blocked' stante illi r-rikorrent kien ghad fadallu pendenzi mad-Dipartiment.

"8. Illi b'referenza ghall-paragrafu 11, l-Artikolu 83(3) tal-Kap. 406 ma jilledix id-drittijiet tar-rikorrent, stante li mhux minnu li gew imposti 'diversi penali riferibbilment ghall-istess nuqqas';

"9. Illi b'referenza ghall-paragrafu 12, huwa assurd li r-rikorrent iqis ir-rifjut tal-petizzjoni mill-President ta' Malta bhala b'xi mod leziv tad-drittijiet tieghu. Il-President jiddeciedi dwar petizzjonijiet skont id-diskrezzjoni tieghu, u r-rikorrent ma setax jippretendi li nuqqas bhal tieghu seta' jigi sanat mill-President meta huwa insistentement kien sfida l-awtorita` tal-Qorti bin-nonkuranza tieghu ta' l-obbligi kollha imposti fuqu mis-sentenza li nghatat kontrih fl-2002.

"Illi rigward il-paragrafu 13, mill-kontenut tar-rikors promotur ma jirrizultax li din il-Qorti ghandha twettaq dak li qed jigi mitlub minnha stante li ma sehh ebda ksur tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni Ewropea.

"Illi fid-dawl tas-suespost u fi kwalunkwe kaz, it-talbiet tar-rikorrent ma jistghux jigu milqugha stante illi:

"Mir-ragunijiet esposti fir-rikors promotur ma jirrizultawx ragunijiet validi ghaliex l-artikolu 83(3) ghandu jigi mpunjat, u ghalhekk l-ewwel tliet talbiet tar-rikorrent m'ghandhomx jintlaqghu.

"Illi bla pregudizzju ghas-suespost, b'referenza ghar-raba' talba, il-multa msemmija mir-rikorrent hija, kif jammetti hu stess, multa amministrattiva, u m'hijiex ta' natura kriminali. Il-Kodici Kriminali tipprovdi li azzjoni kriminali tista' titmexxa indipendentement minn azzjoni civili. Inoltre d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 83(3), u senjatament fejn dawn jipprovdu ghall-hlas ta' multa amministrattiva, m'humiex intizi bhala piena izda bhala mezz kif il-persuna li kontriha jigu applikati tosserva l-ligi tal-VAT u ma taqax lura fid-dmirijiet taghha taht l-istess ligi. Ghalhekk ir-raba' talba m'ghandhiex tintlaqa'.

"Illi z-zewg talbiet immarkati bin-numru hamsa (5) m'ghandhomx jintlaqghu ghar-ragunijiet suesposti. Huwa car li s-sentenza li r-rikorrent qieghed jimpunja hija valida u ghandha tigi rispettata minnu minflok ma joqghod jipprova jdewwem il-hlas ta' l-ammont dovut minnu.

"Illi s-sitt talba allura lanqas m'ghandha tintlaqa'.

"Illi finalment, galadarba ma hemmx lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, lanqas it-talbiet seba' sa ghaxra m'ghandhom jintlaqghu."

12. Fir-risposta taghhom il-konvenuti jkomplu jispjegaw l-eccezzjonijiet taghhom fil-kuntest tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea, b'referenza partikolari ghall-kaz **Ruotsalainen v. Finland**.[8]

Jeccepixxu ulterjorment:

"Illi l-pozizzjoni addottata mir-rikorrent ma ssibx riskontru fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea. Il-Qorti qatt ma ddecidiet li ma jistghux jittiehdu azzjonijiet kriminali u civili (amministrattivi) f'daqqa. Li l-Qorti ma tippermettix huwa li l-multa civili tkun fil-verita` ta' natura kriminali. Dan mhux il-kaz fis-sitwazzjoni li qed jilmenta minnha rrikorrent.

……………. Omissis …………

"Illi izda fil-kaz odjern il-multa in kwistjoni ma gietx imposta minhabba f'ligi minn xi awtorita` jew korp, izda giet imposta mill-Qorti bhala garanzija li r-rikorrent odjern iwettaq id-dmir tieghu li jissottometti r-returns tal-VAT. Ma kienx hemm element ta' punizzjoni fis-sens li l-Qorti fl-2002 kienet speci qed taghmel patt mar-rikorrent li jwettaq dmiru u qed tassigura ruhha permezz tal-multa gornaljera illi hu fil-fatt izomm kelmtu. Il-multa ma kinitx bi tpattija ghal dak illi r-rikorrent naqas li jaghmel izda bhala assikurazzjoni li hu jwettaq dak li kien mistenni minnu. Filfatt, ir-rikorrent seta' lanqas ihallas centezmu mill-multa billi jittempera ruhu mar-rieda tal-Qorti fil-pront. Kieku ghamel hekk ma kien jehel XEJN. Izda *Ruotsalainen* ma kellux din l-opzjoni – huwa ried bil-fors ihallas multa sproporzjonata ghan-nuqqas amministrattiv li kien wettaq.

"Il-Qorti f'*Ruotsalainen* titkellem dwar l-importanza tan-natura tar-'reat' jew nuqqas imwettaq mill-persuna ikkundannata, kif indikat aktar 'l isfel. Ghalhekk, ghalkemm huwa minnu dak li jghid ir-rikorrent dwar li l-klassifika nazzjonali li fiha jaqa' reat ma torbotx lill-istess Qorti, dan ma jfissirx li fil-kaz odjern wiehed ghandu jieqaf hemm, ghax kieku ma

[8]Kaz fejn il-Qorti Ewropea sabet li kien hemm vjolazzjoni tal-principju tan-*ne bis in idem* peress li l-multa amministrattiva li l-applikant kellu jhallas wara li kien gie kkundannat fi proceduri kriminali kienet it-triplu ta' dak li seraq b'mod li allura gie meqjus li l-multa amministrattiva kienet mizura ta' punizzjoni u detterrent u ghalhekk kien nieqes l-element tal-proporzjonalita`.

jkunx hemm gwida cara bizzejjed ta' meta nuqqas jista' jitqies bhala kriminali.

……………. Omissis …………………..

"L-esponenti jidhrilhom li kif diga` spjegaw aktar 'il fuq, in-nuqqas tar-rikorrent li jhallas il-multa tal-Qorti ma jistax jitqies li huwa nuqqas kriminali, u jekk ghall-grazzja ta' l-argument wiehed kellu jikkonkludi hekk, jibqa' l-fatt illi l-proceduri ghall-gbir ta' dik il-multa huma fin-natura taghhom, kif diga` gie spjegat, proceduri ta' infurzar ta' ordni tal-Qorti li kienet torbot lir-rikorrent u mhux proceduri sabiex jergghu jikkastigaw mill-gdid lir-rikorrent tannuqqas originali tieghu li ma jissottomettix ir-returns tat-taxxa.

"Inoltre, il-multa amministrattiva lanqas ma ghandha xi element ta' tpattija izda hija biss intiza bhala mezz ta' assikurazzjoni li t-taxpayer jaghmel dak li tobbligah jaghmel il-ligi.

"Rigward l-allegat ksur ta' l-artikolu 6, stante li rrikorrent qieghed isejjes it-talbiet tieghu bazikament fuq allegazzjoni ta' proceduri li jilledu l-principju u d-dritt ta' *'ne bis in idem',* allura l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jigi superfluwi, u dan skont l-insenjament ta' l-istess Qorti Ewropeja."

13. Fis-sentenza[9] preliminari taghha tad-9 ta' Frar 2012, l-ewwel Qorti cahdet l-ewwel tlett eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuti li huma fis-sens: illi l-Prim Ministru ma kienx il-legittimu kuntradittur; illi l-attur ma kellux l-interess guridiku sabiex jattakka l-Artikolu 83[3] tal-Kap. 406, u li l-attur naqas milli jezawrixxi r-rimedju ordinarji li kellu ghad-dispozizzjoni tieghu.

14. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"**I. L-Ewwel Eccezzjoni - Legittimu Kontradittur**

"L-ewwel eccezzjoni preliminari taqra hekk –

[9] Fol. 140.

> "*l-Onorevoli Prim Ministru ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi ai termini ta' l-artikolu 181B tal-Kap.12 mhuwiex legittimu kontradittur.*

"Eccezzjoni ta' din ix-xorta kienet trattata u deciza fis-sentenza *in parte* li tat din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Joseph R. Micallef fil-kawza fl-ismijiet "**Anthony P. Farrugia vs L-Onorevoli Prim Ministru**" deciza fis-17 ta' Novembru 2006. Minn din is-sentenza *in parte* ma sarx appell.

"Din il-Qorti sejra ticcita *in extenso* minn din is-sentenza ghaliex tikkondividi r-*ratio decidendi* taghha u ghalhekk sejra taghmlu taghha ghall-fini tal-provvediment tal-lum.

………. Omissis ……….

"Din il-Qorti hija tal-istess fehma." [u ghalhekk] "**qeghda tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari.**"

"**In vista tal-premess, din il-Qorti qeghda tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari.**

"**II. It-Tieni Eccezzjoni - Interess Guridiku**

"It-tieni eccezzjoni preliminari taqra hekk –

> "*ir-rikorrent m'ghandux interess guridiku sabiex jattakka l-Artikolu 83(3) tal-Kap. 412 stante illi :*
>
> "*i) huwa ammetta l-akkuza kontrih fiz-zewg proceduri kriminali li ttiehdu kontrih quddiem il-Qorti tal-Magistrati, u cioe' dawk ta' l-2005 u 2008 rispettivament. L-ammissjoni hija indikazzjoni li ma kien hemm xejn fil-proceduri li r-rikorrent kien qed jara bhala rregolari. Ghalhekk ir-rikorrent ma jistax issa jissolleva lmenti dwar procedura illi hu ssottometta ruhu ghaliha kompletament fil-passat billi din issa saret res judicata.*
>
> "*ii) huwa ma uzax ir-rimedju miftuh ghalih illi jitlob referenza Kostituzzjonali fil-procedura ta' l-2008, u dan il-fatt mehud flimkien ma' l-ammissjoni msemmija aktar 'il fuq jekwivalu ghal akwijexxenza min-naha tar-rikorrent.*

"Fil-kawza "**Anthony P. Farrugia vs L-Onorevoli Prim' Ministru et**" (op. cit.) inghatat eccezzjoni simili.

"Il-Qorti qalet hekk –

> "*Illi jidher sewwa li jinghad li f'kawza fejn persuna tallega li garrbet ksur ta' jedd fundamentali mhares mill- Kostituzzjoni jew mill-Konvenzjoni, dik il-persuna trid turi li ghandha interess guridiku biex tiftah kawza bhal dik. Huwa biss f'kawza mahsuba taht l-artikolu 116*

*tal- Kostituzzjoni – l-hekk imsejha "actio popularis" dwar in-nuqqas ta' siwi ta' ligijiet – li m'huwiex mehtieg li l-parti attrici turi li ghandha xi interess personali biex tressaq kawza bhal dik. Mill-bqija, jidher li l-principji li jistabilixxu x'ghandu jkun dan l-interess f'kawza "ordinarja" japplikaw ukoll ghall-kawzi taht din il-procedura specjali ta' ksur ta' dritt fundamentali.*

"*… l-istess parti mgarrba trid turi li hija tassew "vittma" u dan jikkostitwixxi l-interess guridiku taghha biex tressaq u tmexxi 'l quddiem azzjoni bhal din ;*

"*Illi dan ifisser li, kif inghad ghadd ta' drabi mill-Qrati Maltin, l-interess mehtieg irid ikun wiehed dirett, legittimu u kif ukoll attwali, u jrid johrog minn stat attwali ta' ksur ta' jedd, liema ksur ikun jikkonsisti f'kundizzjoni pozittiva jew negattiva li xxejjen jew tipprova ggib fix-xejn dritt li jappartieni lid-detentur jew li lilu jkun misthoqq ;*

"*Illi l-interess guridiku f'parti attrici huwa dak li l-imharrek jirrifjuta jew jonqos li jaghraf il-jedd tal-istess attur u li, fih innifsu, johloq il-htiega tal-vertenza. Ghalhekk, dan igib mieghu l-konsegwenza li l-ewwel u l-aqwa interess guridikament ammissibbli huwa dak li kull persuna ghandha, jigifieri li titlob li, fil-konfront taghha, isir haqq jew li tigi msewwija ingustizzja maghmula fil-konfront taghha ;*

"*Illi biex tali interess ikun tutelat minn karattru guridiku, irid ikun iwassal ghal rizultat ta' utilita` u vantagg ghal min irid jezercita l-jedd b'mod li jekk l-azzjoni ma tistax twassal biex tipproduci tali rizultat ghal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi. Kien minhabba f'dan il-principju li ghadd ta' sentenzi cahdu l-jedd tal-azzjoni lil min ried jikseb b'sentenza biss dikjarazzjoni minghajr oggett materjali ;*

"*Illi gie stabilit ukoll mill-Qrati li dak li jfisser l-interess tal-attur ghandu jkun jidher mill-att tal-kawza nnifisha, u ghalkemm il-mottiv tal-interess mhux mehtieg li jkun imsemmi fl-att li bih il-kawza tinfetah, ghandu ghall-anqas jirrizulta mill-provi jekk kemm-il darba jigi kuntrastat ;*

"*Illi, dwar il-kwestjoni tal-attwalita` tal-interess, b'mod partikolari dak l-interess li ghandu juri l-attur biex isostni l-kawza, inghad ukoll li fil-prattika gudizzjarja wiehed jista' jressaq kawza biex jikseb dikjarazzjoni preordinata ghal azzjoni definitiva u ahharija, minkejja li din ma tkunx giet inkluza fl-azzjoni ta' accertament. Madankollu, f'kaz bhal dan, il-Qorti trid tkun soddisfatta li jkun hemm l-interess mehtieg, anki preordinat ghall-kawza l-ohra, u li d-dikjarazzjoni miksuba fil-kawza ta' accertament tkun tifforma l-bazi tal-kawza l-ohra li tista' tinfetah 'il quddiem ;*

"*Illi l-interess mhux tabilfors ikun wiehed li jigi kwantifikat f'somma determinata ta' flus jew gid. L-interess jista' jkun ukoll meqjus imsejjes jekk jimmira li jhares jew jaghti gharfien ghal jedd morali jew suggettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku ;*

"*Illi, minhabba li kawza dwar ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali tista' titressaq kemm jekk dak il-jedd ikun diga` nkiser jew qieghed jinkiser b'xi ghamil u kif ukoll jekk ikun hemm il-bizgha tal-ksur ta' dak il-jedd, johrog li f'kaz bhal dan l-element tal-interess guridiku jiehu xejra*

*partikolari mill-aspett tal-attwalita`. Dan m'ghandux ikun ta' xkiel ghall-applikazzjoni tal-principji fuq imsemmija, ghaliex l-interess guridiku mistenni xorta wahda jirrizulta fejn, fil-kaz konkret u mhux semplicement ipotetiku, il-ksur ravvizat ikun wiehed rejali u imminenti ;*

"*Illi lanqas ma jintilef dan l-interess jekk il-parti mgarrba ma taghzilx li tqajjem il-"kwestjoni kostituzzjonali" huma u ghaddejjin proceduri ohrajn li mbaghad minnhom wiehed jilminta minn ksur ta' xi jedd fundamentali. It-tqanqil tal-"kwestjoni kostituzzjonali" hija fakultativa, u l-ghazla li parti f'kawza li ma tinqediex biha (ghaliex, wara kollox, ir-riferenza m'hijiex tal-parti li tqajjimha izda tal-Qorti li taccetta li tirreferi l-kwestjoni) ma twaqqafx ir-rimedju li dik il-parti tadixxi lil din il-Qorti direttament ghal rimedju taht lartikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 4(1) tal- Kapitolu 319 ;*

*"Illi ghalhekk, lanqas din l-eccezzjoni ma hija tajba u l-Qorti m'hijiex sejra tilqaghha;"*

"Din il-Qorti taghmel taghha dan id-*decide* bl-aggjunta tal-konsiderazzjoni illi bil-fatt illi r-rikorrent tal-lum ammetta l-akkuza fiz-zewg proceduri kriminali istitwiti kontra tieghu ma jgibx mieghu karenza ta' l-interess tal-istess rikorrent li jistitwixxi l-azzjoni tal-lum skont il-kawzali u talbiet hemm dedotti.

"**In vista tal-premess, din il-Qorti qeghda tichad it-tieni eccezzjoni preliminari wkoll.**

"**III. <u>It-Tielet Eccezzjoni – Rimedji Ordinarji</u>**

"It-tielet eccezzjoni preliminari taqra hekk –

"*ir-rikorrent naqas milli jezawrixxi r-rimedji ordinarji li kellu ghad-dispozizzjoni tieghu, konsistenti f'appell minn xi wahda jew aktar mis-sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fil-konfronti tieghu.*

"Fil-kawza "**<u>Anthony P. Farrugia vs L-Onorevoli Prim' Ministru et</u>**" (op. cit.) inghatat eccezzjoni simili.

"Il-Qorti qalet hekk –

"*Illi jidher li din l-eccezzjoni hija stedina maghmula mill-intimati biex din il-Qorti tapplika l-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u dak tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta ;*

"*Illi l-kriterji li jridu jitqiesu biex Qorti tal-kompetenza "kostituzzjonali" taghzel li ma twettaqx is-setghat fuq il-bazi li l-parti rikorrenti kellha rimedji ohrajn "ordinarji" huma llum il-gurnata stabbiliti b'mod konsistenti mill-qrati Maltin. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha toqghod terga' tfissirhom, u tillimita ruhha biex tirreferi ghas-sentenza taghha tat-30 ta' Gunju, 2005, fil-kawza* ***Tretyak vs Direttur tac-Cittadinanza u Expatriate Affairs****, li kienet konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Jannar, 2006. Dik l-istess Qorti ghadha zzomm l-istess principji kif muri f'decizjonijiet li nghataw dan l-ahhar*

*dwar l-istess eccezzjoni [ara - Kost.* ***31.10.2007*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***Joseph Caruana et vs Il-Prim Ministru et*** *(Rik. Kost. 44/06)] ;*

"*Illi meta jissemma li jkun hemm rimedju iehor xieraq, irid jintwera li dan ikun rimedju accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat.. M'hemmx ghalfejn li, biex jitqies bhala effettiv, ir-rimedju jintwera bhala wiehed li se' jaghti lir-rikorrent success garantit, bizzejjed li jintwera li jkun wiehed li jista' jigi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaci. L-ezistenza li tassew ikun (jew kien) hemm rimedju alternativ xieraq trid tintwera mill-intimat li fuqu jaqa' l-piz tal-prova biex jikkonvinci lil din il-Qorti biex taghzel li ma tezercitax is-setghat taghha biex tisma' l-kawza ;*

"*Illi huwa fatt ukoll li, minkejja li jista' jkun minnu li l-parti rikorrenti seta' kellha ghad-dispozizzjoni taghha rimedju "ordinarju", din il-Qorti xorta wahda jibqaghlha dejjem id-diskrezzjoni li taghzel li tibqa' tisma' l-kawza. L-ezistenza ta' "rimedju ordinarju" ma torbotx idejn din il-Qorti milli tkompli tisma' kawza kostituzzjoniali mressqa quddiemha. Id-diskrezzjoni li tuza trid tkun wahda prudenti u fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja. Normalment, din id-diskrezzjoni tintuza meta r-rikorrent ikun jidher li tassew ghandu disponibbli ghalih rimedju li, kieku uzat kif imiss, jista' jaghtih il-harsien tal-jedd li f'kawza bhal din jghid li qieghed igarrab ksur tieghu ;*

*"Illi meta l-Qorti tigi biex tapplika l-principji hawn fuq imfissra ghall-kaz li ghandha quddiemha ssib li ma nghatatx ragunijiet tajbin bizzejjed biex taghzel li ma twettaqx is-setghat specjali taghha fil-kompetenza kostituzzjonali jew konvenzjonali taghha u lanqas li jekk kemm-il darba r-rikorrent tassew appella mis-sentenzi moghtijin kontrih mill-Qorti tal-Magistrati, dan kien sejjer jistharreg l-ilmenti kollha (u wisq anqas jaghtih rimedju effettiv) li huwa ressaq fir-rikors promotur tieghu.*

"Anke dik it-tielet eccezzjoni kienet michuda mill-qorti.

"Din il-Qorti li dak ir-*ratio* ighodd kollu kemm hu ghall-kaz tal-lum u ghalhekk taghmlu taghha wkoll ghall-fini tal-provvediment tal-lum.

"**In vista tal-premess, din il-Qorti qeghda tichad anke it-tielet eccezzjoni preliminari.**

15. Fis-sentenza preliminari taghha tat-<u>30 ta' Jannar 2014</u>, l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjoni ta' karenza tal-interess guridiku tal-attur minhabba l-fatt li l-attur kien ibbenefika mill-iskema li harget fis-sena 2012.

"<u>**Fin-nota taghhom, l-intimati**</u> jsostnu li r-rikorrent ibbenefika mill-iskema li kienet harget bis-sahha tal-Avviz Legali 112 tal-2012. Skont l-

intimati, ladarba pprevalixxa ruhu minn dik l-iskema, llum ir-rikorrent m`ghadx ghandu l-interess li tirrikjedi l-ligi sabiex jissokta bil-kawza. L-intimati jaghmlu riferenza in sostenn ghal numru ta` sentenzi, li l-Qorti hadet konjizzjoni taghhom. Skont l-intimati, l-interess ta` min jistitwixxi l-azzjoni m`ghandux jipprevali biss fil-bidu, izda anke matul il-kors kollu tal-kawza, sal-ahhar.

“L-intimati jaghmlu riferenza ghall-Art 4(e) tal-Avviz Legali 112 tal-2012 li jistabilixxi li kull appell li jkun pendenti quddiem il-Bord tal-Appelli, quddiem it-Tribunal ta` Revizjoni Amministrattiva jew quddiem il-Qorti tal-Appell irid jigi rtirat sa mhux aktar tard mill-15 ta` April 2012 meta l-persuna registrata tikkwalifika ghat-thassir. Fil-kaz tal-lum, ir-rikorrent ressaq l-istanza taht ezami sabiex jottjeni t-thassir ta` sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhal Qorti ta` Gudikatura Kriminali. B`dik is-sentenza, ir-rikorrent kien ordnat ihallas multa ghaliex kien inadempjenti fl-osservanza ta` disposizzjoni tal-Kap 406. L-intimati qeghdin isostnu li dak li r-rikorrent ried jikseb bl-istanza tal-lum issa kisbu meta bbenefika mill-iskema prevista minn dak l-avviz legali. Fuq l-iskorta ta` dak deciz mill-Qorti ta` l-Appell (Sede Inferjuri) fit-3 ta` Gunju 1961 fil-kawza “**Albert Mizzi noe vs Anthony Camilleri**”, l-intimati jikkontendu li interpretazzjoni logika li wiehed ghandu jaghti tal-effett tal-Avviz Legali 112 tal-2012 huwa li sabiex persuna tibbenefika mill-iskema trid twaqqaf kull procediment gudizzjarju pendenti kontra d-Dipartiment.

“**Fin-nota tieghu, ir-rikorrent** jilmenta illi wara s-sentenza tas-7 ta` Frar 2002, fejn instab hati li naqas li jibghat id-denunzji tat-taxxa, u kien ikkundannat ihallas multa u penali kuljum sakemm jikkonforma ruhu mas-sentenza, huwa rega kien ipprocessat u misjub hati talli naqas milli jikkonforma ruhu u kien ikkundannat. Skont ir-rikorrent, ghall-istess reat huwa kien ikkundannat darbtejn : darba b`sentenza tas-17 ta` Novembru 2005 u ohra tal-20 ta` Frar 2008. Skont ir-rikorrent, dak kien jikkostitwixxi ksur tal-principju ta` *ne bis in idem*, u kwindi ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu skont l-Art 39 39 tal-Kostituzzjoni, l-Art 6 tal-Konvenzjoni, u l-Art 4 tas-Seba` Protokoll tal-Konvenzjoni.

“Dwar Art 4(e) tal-Avviz Legali 112 tal-2012, ir-rikorrent jirrileva li d-disposizzjoni taghmel referenza specifika ghal liema organi gudizzjarji jew kwazi gudizzjarji qeghda tirreferi. Fost dawn l-organi ma hemmx inkluzi l-qrati ta` gurisdizzjoni kostituzzjonali li jfisser li hekk kienet l-intenzjoni tal-legislatur. Ir-rikorrent jirreferi ghas-sentenza tat-13 ta` Mejju 2013 illi tat il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fil-kawza “**AB vs Direttur tar-Registru Pubbliku**”.

“Ir-rikorrent jissottometti li gurisprudenza aktar ricenti tirrikonoxxi illi fid-dubju m`ghandux ikun it-taxpayer li jbati (“**A.B. Ltd. vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**” deciza mill-Qorti ta` l-Appell fid-9 ta` Frar 2001 u “**A.B. Ltd vs Direttur tat-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa**” deciza mill-Qorti ta` l-Appell fis-7 ta` Mejju 2004. It-tifsira li l-intimati qeghdin jaghtu tad-disposizzjoni tal-Avviz Legali 112 tal-2012 hija

kontestata ghaliex dak li qed jinghad mill-intimati huwa permess biss meta l-ligi tonqos li tirregola xi istitut guridiku gdid (ara : "**Paul Ciantar vs Kummissarju tat-Taxxi Interni**" deciza mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta` Gunju 2010.

"Il-kwistjoni li l-Qorti ghandha quddiemha fil-kawza tal-lum mhijiex dwar semplici taxxa jew multa izda hija dwar il-karattru punittiv tal-multi hekk imsejha amministrattivi li – skont ir-rikorrent - ghandhom effett leziv tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent ghaliex qeghdin jigi abbinati ma` pieni ohra. Ir-rikorrent isostni ghall-istess perjodi ta` taxxa, ir-rikorrent inkorra *short payment penalties, late return penalties* u interessi punittivi. Il-multi ghandhom karattru penali kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "**John Geranzi Limited vs Kummissarju tat-Taxxi Interni et**" deciza fit-30 ta` Novembru 2012.

"Skont ir-rikorrent, sabiex ikun ivvjolat il-principju ta` *ne bis in idem*, ma hemmx bzonn li wiehed jigi effettivament immultat jew misjub hati darbtejn izda huwa bizzejjed li gie assoggettat ghal proceduri aktar minn darba ghal istess fatt.

"Sabiex l-intimati jipprovaw illi r-rikorrent ma` ghandux interess guridiku, huwa necessarju li jipprovaw illi hu ma jikkwalifikax bhala *vittma* ta` l-ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu. Skont ir-rikorrent, l-iskema taffettwa biss il-quantum tal-penali, mentri l-lanjanzi tieghu jmorru oltre dik il-kwistjoni, ghaliex jekk kemm il-darba jinghata ragun minn din il-Qorti, ikun ifisser li l-pieni, taxxi u multi molteplici ma jistghux jigu applikati u jkunu effettivi kontra tieghu. B`hekk ebda pagament ma kien ikun dovut lanqas dak li hallas hu taht l-iskema. Kwindi l-interess tieghu ghadu veljanti ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

………. Omissis ……….

"**IV. Risultanzi**

"Mhux kontestat illi r-rikorrent ibbenefika mill-iskema tal-2012 fejn minflok kumulu ta` €39,728.64 ta` hlasijiet dovuti lid-Dipartiment tal-VAT hallas €8,151.68. Ir-rikorrent ighid illi hallas *under protest.*

"Bis-sentenza tal-lum, din il-Qorti sejra tiddeciedi jekk bil-fatt illi r-rikorrent fil-mori tal-kawza bbenefika mill-iskema giex karenti l-interess guridiku mehtieg biex ikompli l-kawza (kif isostnu l-intimati fir-risposta ulterjuri taghhom) jew jekk dak l-interess ghadux intatt (kif isostni r-rikorrent) ghaliex l-esitu ta` sentenza ta` din il-Qorti favorevoli ghar-rikorrent dwar il-mertu tkun ta` beneficcju jew *utilita*` ghalih.

"Tibda billi tirrileva illi l-Art 4(e) tal-Avviz Legali 112 tal-2012 m`ghandux rilevanza ghall-kwistjoni tal-interess guridiku kif qeghda tigi prospettata fil-kawza tal-lum. L-iskop ta` dik id-disposizzjoni huwa sabiex jekk persuna ikollha appell pendenti jew quddiem il-Bord tal-Appelli jew quddiem it-Tribunal ta` Revizzjoni Amministrattiva jew quddiem il-Qorti

ta` l-Appell tkun trid tirtira f`terminu prestabbilit sabiex tkun tista tibbenefika mill-iskema. Il-procediment tal-lum li huwa ta` vena kostituzzjonali la huwa appell, u lanqas huwa menzjonat fid-disposizzjoni ; kwindi l-intimati ma jistghux jiccitaw dik id-disposizzjoni sabiex isostnu li r-rikorrent m`ghadx fadallu interess.

"Dwar l-interess guridiku, din il-Qorti presjeduta mill-Onor. Imhallef Joseph R. Micallef fis-sentenza taghha tas-17 ta` Novembru 2011 fil-kawza "**Anthony P. Farrugia vs L-Onorevoli Prim Ministru et**" qalet hekk –

"*Illi jidher sewwa li jingħad li f`kawza fejn persuna tallega li garrbet ksur ta` jedd fundamentali mħares mill-Kostituzzjoni jew mill-Konvenzjoni, dik il-persuna trid turi li għandha interess guridiku biex tiftaħ kawza bħal dik. Huwa biss f`kawza maħsuba taħt l-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni, l-hekk imsejħa "actio popularis" dwar in-nuqqas ta` siwi ta` ligijiet, li m`huwiex meħtieg li l-parti attrici turi li għandha xi interess personali biex tressaq kawza bħal dik. Mill-bqija, jidher li l-principji li jistabilixxu x`għandu jkun dan l-interess f`kawza "ordinarja" japplikaw ukoll għall-kawzi taħt din il-procedura specjali ta` ksur ta` dritt fundamentali [PA. (Kost.) RCP* ***19.10.2000*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***Victoria Cassar vs Awtorita` Marittima ta` Malta et****]. Ukoll jekk wieħed kellu jqis is-sottomissjoni tal-għaref difensur tar-rikorrent dwar l-istatus ta` "vittma" f`kaz bħal dan, l-istess parti mgarrba trid turi li hija tassew "vittma" u dan jikkostitwixxi l-interess guridiku tagħha biex tressaq u tmexxi `l quddiem azzjoni bħal din ;*

"*Illi dan ifisser li, kif ingħad għadd ta` drabi mill-Qrati Maltin, l-interess meħtieg irid ikun wieħed dirett, legittimu u kif ukoll attwali (P.A.* ***20.1.1950*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***Watson vs Sacco*** *(Kollez. Vol:* ***XXXIV.ii.453****, u jrid joħrog minn stat attwali ta` ksur ta` jedd, liema ksur ikun jikkonsisti f`kundizzjoni pozittiva jew negattiva li xxejjen jew tipprova ggib fix-xejn dritt li jappartieni lid-detentur jew li lilu jkun mistħoqq (P.A.* ***27.3.1990*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***Muscat et vs Buttigieg*** *(Kollez. Vol:* ***LXXIV.iii.481)*** *;*

"*Illi l-interess guridiku f`parti attrici huwa dak li l-imħarrek jirrifjuta jew jonqos li jagħraf il-jedd tal-istess attur u li, fih innifsu, joħloq il-ħtiega tal-vertenza. Għalhekk, dan igib miegħu l-konsegwenza li l-ewwel u l-aqwa interess guridikament ammissibbli huwa dak li kull persuna għandha, jigifieri li titlob li, fil-konfront tagħha, isir ħaqq jew li tigi msewwija ingustizzja magħmula fil-konfront tagħha (App. Kumm.* ***2.4.1993*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***Farrugia et vs Buħagiar*** *(Kollez. Vol:* ***LXXVII.ii.98)*** *;*

"*Illi biex tali interess ikun tutelat minn karattru guridiku, irid ikun iwassal għal rizultat ta` utilita` u vantagg għal min irid jezercita l-jedd (App. Civ.* ***13.2.1953*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***Manche` vs Montebello*** *(Kollez. Vol:* ***XXXVII.i.56)****, b`mod li jekk l-azzjoni ma tistax twassal biex tipproduci tali rizultat għal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi (P.A.* ***7.1.1953*** *fil-kaw a fl-ismijiet* ***Camilleri vs Sammut*** *(Kollez. Vol:* ***XXXVII.ii.605)****. Kien minħabba f`dan il-principju li għadd ta` sentenzi caħdu l-jedd tal-azzjoni lil min ried jikseb b`sentenza biss dikjarazzjoni*

*mingħajr oggett materjali (Ara App. iv. **8.6.1942** fil-kaw a fl-ismijiet **Cortis vs Bonello** (Kollez. Vol: **XXXI.i.218)** ;*

"*Illi gie stabilit ukoll mill-Qrati li dak li jfisser l-interess tal-attur għandu jkun jidher mill-att tal-kawza nnifisha (Ara App. Civ. **3.12.1984** fil-kawza fl-ismijiet **Borg vs Caruana)**, u għalkemm il-mottiv tal-interess mhux meħtieg li jkun imsemmi fl-att li bih il-kawza tinfetaħ, għandu għall-anqas jirrizulta mill-provi jekk kemm-il darba jigi kuntrastat (App. Civ. **12.12.1983** fil-kawza fl-ismijiet **Ignazio Gatt vs Michael Debono et** (mhix pubblikata) ;*

"*Illi, dwar il-kwestjoni tal-attwalita` tal-interess, b`mod partikolari dak l-interess li għandu juri l-attur biex isostni l-kawza, ingħad ukoll li fil-prattika gudizzjarja wieħed jista` jressaq kawza biex jikseb dikjarazzjoni preordinata għal azzjoni definitiva u aħħarija, minkejja li din ma tkunx giet inkluza fl-azzjoni ta` accertament (PA. **12.3.1946** fil-kawza fl-ismijiet **Balluci vs Vella Gera noe** (Kollez. Vol: **XXXII.ii.257) ;** u App. Civ. **4.12.1944** fil-kawza fl-ismijiet **Xuereb vs Petrococchino** (Kollez. Vol: **XXXII.i.540)**. Madankollu, f`kaz bħal dan, il-Qorti trid tkun soddisfatta li jkun hemm l- interess meħtieg, anki preordinat għall-kawza l-oħra, u li d-dikjarazzjoni miksuba fil-kawza ta` accertament tkun tifforma l-bazi tal-kawza l-oħra li tista` tinfetaħ `il quddiem (Ara P.A. **10.10.1966** fil-kaw a fl-ismijiet **Giuffrida noe vs Borg Olivier noe et** (Kollez. Vol: **L.ii.310** u Vol: **LI.i. 130)***

"*Illi l-interess mhux tabilfors ikun wieħed li jigi kwantifikat f`somma determinata ta` flus jew gid. L-interess jista` jkun ukoll meqjus imsejjes [P.A. **13.10.1952** fil-kawza fl-ismijiet **Axiaq vs Mizzi noe et** (Kollez. Vol: **XXXVI.ii.532)**] imbasta l-jedd invokat ma jkunx wieħed ipotetiku [App. Civ. **15.12.1932** fil-kawza fl-ismijiet **Scolaro vs Bailey** (Kollez. Vol: **XXVII.ii.195)**] ;*

"*Illi, minħabba li kawza dwar ilment ta` ksur ta` jedd fundamentali tista` titressaq kemm jekk dak il-jedd ikun diga` nkiser jew qiegħed jinkiser b`xi għamil u kif ukoll jekk ikun hemm il-bizgħa tal-ksur ta` dak il-jedd, joħrog li f`kaz bħal dan l-element tal-interess guridiku jieħu xejra partikolari mill-aspett tal-attwalita`. Dan m`għandux ikun ta` xkiel għall-applikazzjoni tal-principji fuq imsemmija, għaliex l-interess guridiku mistenni xorta waħda jirrizulta fejn, fil-kaz konkret u mhux semplicement ipotetiku, il-ksur ravvizat ikun wieħed rejali u imminenti";*

"Hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti illi sabiex jinghad li r-rikorrent ghandu l-interess guridiku, huwa mehtieg li d-decizjoni li eventwalment tinghata mill-Qorti dwar il-mertu tkun taghmel jew le differenza ghal posizzjoni legali tieghu. Dan il-punt qed jigi senjalat b`referenza ghal dak li kien deciz fit-13 ta` Marzu 2013 mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "**<u>Buttigieg vs Kummissjoni Elettorali</u>**". Hemm il-Qorti kienet sostniet illi meta decizjoni ma taghmel l-ebda differenza ghal posizzjoni legali tal-attur, hemm ikun karenti l-interess rikjest mil-ligi. **<u>Pero` mhux hekk huwa l-kaz tal-lum</u>**. Ghalkemm huwa minnu li r-rikorrent ibbenefika minn skema li giet proposta mill-Gvern, is-serje ta` talbiet li ppropona r-rikorrent f`dan il-procediment huma mpernjati fuq allegat ksur ta` jeddijiet fundamentali <u>specifikament</u> indikati u spjegati f`dettall

fil-korp tar-rikors promotorju. Il-fatt li r-rikorrent ibbenefika mill-iskema b`ebda mod ma tirrendi karenti l-interess guridiku tieghu ghall-kumpless ta` ragunijiet fattwali u legali diga` esposti, u konfermati mill-kostanza tal-gurisprudenza."

16. Fis-sentenza taghha tal-10 ta' Dicembru 2015, l-ewwel Qorti iddecidiet billi: laqghet biss parzjalment l-eccezzjonijiet fil-mertu; cahdet l-ewwel [1] talba; cahdet dik il-parti tat-tieni [2] talba li hija senjalata bl-ittra [a] izda laqghet dik il-parti tat-tieni [2] talba li hija senjalata bl-ittra [b] billi sabet illi fil-kaz tar-rikorrent is-subinciz tlieta [3] tal-Artikolu tlieta u tmenin [83] tal-Att Dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud [il-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta], kiser l-Artikolu Erbgha [4] tal-Protokoll Sebgha [7] tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali; riferibbilment ghat-tielet [3] u r-raba' [4] talba, in vista tal-provvediment taghha dwar it-tieni [2] talba, iddikjarat illi s-subartikolu tlieta [3] tal-Artikolu 83 tal-Att Dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud, Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta, inkluz fejn jirrigwarda l-imposizzjoni ta' multi amministrattivi, huwa bla effett fil-konfront tar-rikorrent; riferribbilment ghall-hames [5], ghas-sitt [6] u ghas-seba' [7] talbiet, in vista tal-provvediment taghha dwar it-tieni [2] talba, iddikjarat illi s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati [Malta] bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Frar 2008 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija [Spettur Alexander Paul Miruzzi] v. David Mifsud** m'ghandhiex effett fil-konfront tar-rikorrent[10], kemm ghar-rigward tal-htija tar-rikorrent, u kif ukoll il-kundanna tieghu ghall-hlas tal-multa; laqghet it-tmien [8] talba fil-konfront tal-konvenuti

[10] Sottolinear ta' din il-Qorti.

kollha, cahdet id-disa' [9], l-ghaxar [10] u l-hdax [11]–il talbiet; bl-applikazzjoni tal-Artikolu 223 [3] tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat li kull parti tbati l-ispejjez taghha.

17. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha tal-10 ta' Dicembru 2015 abbazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet:

"**II. Sintesi tal-provi**

"**Ir-rikorrent** xehed illi huwa kien direttur tas-socjeta` Davison Co Ltd li kienet tbiegh accessorji tal-karozzi. In-negozju kien sejjer hazin u ghalaq fl-2003. Huwa baghat ittra bl-avukat lid-Dipartiment tal-VAT sabiex iwaqqaf in-numru tal-VAT. Wara li dahhal ir-returns, ma rceviex aktar komunikazzjonijiet mid-Dipartiment. Mistoqsi dwar l-akkuzi li bihom kien akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati, ir-rikorrent wiegeb illi huwa sar jaf bihom ftit taz-zmien qabel xehed.

"Kompla jghid illi bejn l-2002/2003, huwa kien mar ma` missieru d-Dipartiment tal-VAT u hemm hallas b`cheque l-bilanc ta` l-hlasijiet li kellu maghhom. Kien missieru li tah il-flus biex ihallas ghaliex hu ma setax jaghmel tajjeb ghad-djun. Mid-Dipartiment qalulu li ma kellu jaghti xejn aktar. Xi zmien wara, issejjah biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati ghaliex jidher li kien hemm ammonti li kienu ghadhom dovuti. L-avukat tieghu dak iz-zmien kien l-Av. David Farrugia Sacco. Il-Qorti tat sentenza kontra tieghu izda huwa ma kienx appella minnha. Talab il-mahfra presidenzjali pero` din kienet michuda.

"Stqarr illi xi zmien wara, id-Dipartiment tal-VAT baghat jinfurmah illi kellu jhallas €11,000 bhala VAT. Meta mar id-Dipartiment, ighid li qalulu li ma kellu jhallas xejn.

"Ir-rikorrent jaccetta illi meta n-negozju tieghu mar hazin, huwa kien dam biex jibghat id-denunzji tat-taxxa. Wara li rcieva biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati, ghalkemm mid-Dipartiment tal-VAT kien inghad illi ma kienx hemm oggezzjoni li tinhafer il-multa nflitta, il-Qorti tat sentenza fejn xorta wahda kellu jhallas il-multa. Ir-rikorrent ipprezenta Dok SG1, li hija dikjarazzjoni mid-Dipartiment tal-VAT li tghid illi ma kienx hemm oggezzjoni li jinhafru l-multi. Huwa pprezenta d-dokument lill-Qorti tal- Magistrati.

"Ir-rikorrent ighid illi minn taghrif illi nghata mid-Dipartiment tal-VAT il-multa kienet waslet ghall-figura ta` €39,000. Huwa hallas l-ammont ta` €8,000 minflok €39,000 wara li bbenefika minn skema li kien nieda l-

Gvern. Il-hlas sar f`Mejju tal-2012. Stqarr illi kien infurmat mid-Dipartiment tal-VAT illi jekk il-procediment tal-lum jigi deciz favur tieghu, huwa kien jinghata rifuzjoni tal-ammont li hallas. Ma kellu l-ebda pendenzi ohra mad-Dipartiment tal-VAT.

"**<u>Fil-kontroezami</u>**, ir-rikorrent kien mistoqsi jekk kienx appella mittliet sentenzi li kienu nghataw mill-Qorti tal-Magistrati fejn hu kien akkuzat. Wiegeb illi fl-2002 kellu kawza quddiem il-Magistrat Saviour Demicoli fejn kien wehel multa. Kellu mahfra mill-President ta` Malta u hallas madwar Lm 100. Il-Magistrat Demicoli baghtu jirranga mad-Dipartiment tal-VAT. Hu mar u hallas. Fl-2005 rieduh ihallas €11,000. Mistoqsi kienx ammetta lakkuzi li fuqhom tressaq quddiem il-Magistrat Saviour Demicoli u quddiem il-Magistrat Doreen Clarke, ir-rikorrent wiegeb illi ma jiftakarx. Ighid illi ma jafx li fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati kienet imposta penali ta` Lm 6 kuljum sakemm jipprezenta r-returns. Jikkonferma li kien ircieva tahrika biex jidher il-Qorti ghat-tieni darba ghaliex kien wehel multa billi kien dam ma pprezenta r-returns tal-VAT. Mistoqsi jekk kienx ammetta anke dik lakkuza, ir-rikorrent accetta li hekk ghamel fuq parir legali.

"**<u>Connie Azzopardi,</u>** mid-Dipartiment tal-VAT, xehdet illi fuq isem irrikorrent kien hemm VAT no 17378114. Il-bilanc tal-hlasijiet kien zero. Ipprezentat Dok VAT1 li juri li thallas l-ammont ta` €625.46 bhala *late return penalty*.

"Qalet illi s-socjeta` Davison Co Ltd kellha bilanc ta` €42,350.27. Ipprezentat Dok VAT2. Ir-rikorrent ibbenefika minn skema li biha kienu qed jinhafru l-multi u l-imghaxijiet jekk tithallas s-somma ta` €8151.68. Fil-fatt hallas fit-30 ta` Mejju 2012. Ipprezentat Dok VAT3 u VAT4.

"Fissret illi l-*late return penalty* tigi mposta ghaliex il-persuna tkun ipprezentat ir-returns tard. Tkun multa ghal kull perjodu ta` taxxa. *Short penalty penalties* jirreferu ghal meta persuna tipprezenta r-returns jew minghajr pagament jew b`pagament parzjali.

"Stqarret illi Davison Co Ltd kellha Vat no. 14431531. L-ahhar tax period taghha ghalaq fil-31 ta` Jannar 2005. Ipprezentat Dok VAT5. Ilkumpannija ma kenitx *deregistered* izda l-istatus taghha huwa dak ta` *blocked pending deregistration* ghaliex ma sarux il-pagamenti kollha. Irrikorrent kien ibbenefika minn amnestija li kienet tniedet mill-Gvern filbudget. Ipprezentat Dok CA1 li juri l-penali li wehel u ghal liema perjodi. Mill-istess dokument jidher illi ghall-ewwel tax period ma kienx hemm late return.

"Spjega illi fil-kaz tar-rikorrent l-ewwel kaz ta` *late return* kien ghallperjodu ta` bejn l-1 ta` Frar 1999 u t-30 ta` April 1999. Ittiehdu proceduri kontra tieghu li pero` kienu rtirati ghaliex ipprezenta r-return. It-tieni kaz kien ghall-perjodu ta` bejn l-1 ta` Awissu 1999 u l-15 ta` Settembru 2000. Kien immultat Lm 100. Kellu zmien tlett xhur biex jikkonferma ruhu, u fin-nuqqas jehel penali ta` Lm 6 kuljum. Kien

hemm it-tielet u r-raba` kazi dwar *late returns* li kienu ceduti u kien jirrigwardaw il-perjodi kollha sa` l-ahhar ta` Lulju 2002.

“Mistoqsija mill-qorti jekk wara l-2002 kienx hemm passi ohra li ttiehdu kontra r-rikorrent, ix-xhud wiegbet illi kienet giet preparata ittra ohra “*to prosecute*” izda waqfet hemm. Fis-17 ta` Novembru 2005, inghatat sentenza kontra r-rikorrent fejn kien immultat Lm 3132. Il-hlas kellu jsir lill-Qorti mhux lid-Dipartiment ghall-perjodu bejn t-8 ta` April 2002 u l-11 ta` Settembru 2003. Baqa` ma sarx hlas, u ghalhekk kellha tittiehed *further action*. Ir-rikorrent kien immultat €11,111.11 ghal kaz iehor li kien jirrelata ghall-perjodu ta` bejn it-12 ta` Settembru 2003 u l-14 ta` Novembru 2005.

“**Paul Scicluna**, ukoll mid-Dipartiment tal-VAT, kien muri Dok CA1. Fisser illi l-*late return penalty* tigi mposta meta persuna tissottometti ddenunzja tard, waqt li *short payment penalty* tigi imposta meta jkun hemm hlas dovut u ma jithallasx fil-hin. Dawn jistghu jigu mposti fir-rigward talistess denunzja. Ladarba d-denunzja tkun dahlet tard u jkun hemm hlas dovut, se jiskattaw iz-zewg penali. Skont l-Artikoli 38 u 38A tal-Att, meta denunzja tidhol tard, tkun imposta penali jew ta` €20 jew 1% skont liema tkun l-oghla.

“Dwar il-kaz specifiku tar-rikorrent, ix-xhud xehed illi l-ewwel multa li kien soggetta ghaliha kienet fis-7 ta` Frar 2002. Kienet tammonta ghal Lm100 ; ma kienx ipprezenta d-denunzji ta` Ottobru 1999, Jannar 2000, April 2000 u Lulju 2000. Kienu mposti fuqu *late payment penalty* u *short payment penalty*. Fis-17 ta` Novembru 2005, kien soggett ghal multa ta` Lm 3,132 ghall-perjodu bejn 8 ta` April 2002 u 11 ta` Settembru 2003 ; anke hawn kienet imposta *late payment penalty* u *short payment penalty*. L-ahhar sentenza kienet fl-20 ta` Frar 2008, ghaliex ir-rikorrent kien baqa` nadempjenti, u kien soggett ghal multa ta` € 11,111.11 ghaz-zmien ta` bejn it-12 ta` Setttembru 2003 u l-14 ta` Novembru 2005. Meta jigu mposti dawn il-penali, id-Dipartiment ma jiehux kont tal-multi ghaliex jispjega tal-ewwel hija amministrattiva waqt li l-ohra hija kriminali.

“**III. Sottomissjonijiet bil-miktub**

“**1) Ir-rikorrent**

“Wara li ghamel riassunt tal-provi, ir-rikorrent jissottometti illi ma hemmx dubbju li l-karattru tal-pieni u tal-penali huwa wiehed punittiv u intiz sabiex iservi bhala deterrent. Izda lanqas m`ghandu jkun hemm dubju illi r-rikorrent spicca wehel pieni molteplici bi ksur tal-principju *ne bis in idem*.

“Ighid illi skont l-Art 83(3) tal-Kap 402, l-istess persuna tista`, ghall istess nuqqas, tkun soggetta kemm ghal proceduri kriminali kif ukoll ghal penali jew multi amministrattivi. Fil-kaz tar-rikorrent, kien hemm lezjoni tal-jedd protett bl-Art 4 Prot 4 tal-Konvenzjoni. Fl-ewwel lok, dan

sar ghaliex wara li kien ikkundannat b'sentenza tas-17 ta' Novembru 2005, rega` kien ikkundannat b'sentenza ohra tal-20 ta' Frar 2008, talli naqas li jottempera ruhu mal-istess sentenza. Fiz-zewg kazi, ir-rikorrent kien ikkundannat talli naqas li jobdi l-ordni lilu moghti fis-sentenza tas-7 ta' Frar 2002. Ghalhekk kien qieghed jigi kkundannat darbtejn ghall-istess fatt. Fit-tieni lok, minhabba l-istess nuqqas, il-Kummissarju tal-VAT impona wkoll *late return penalties* u *short payment penalties* oltre interessi li jammontaw ghal hafna aktar mit-taxxa dovuta.

"Dwar l-karattru penali tal-multi, jirreferi ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet "**John Geranzi Limited vs Kummissarju tal-Taxxi Interni et**" deciza fit-30 ta' Novembru 2012, u ghas-sentenza ta` din il-Qorti tal-21 ta` Frar 2014 fir-referenza "**Il-Pulizija vs Godwin Muscat**". Jirreferi wkoll ghad-decizjoni tal-Grand Chamber tal-ECHR tal-10 ta` Frar 2009 fil-kaz ta` "**Sergey Zolotukhin vs Russia**", tal-ECHR fil-kaz ta` "**Ruotsalainen vs Finland**" deciza fis-16 ta' Gunju 2009 ; "**Vastberga Taxi Aktiebolag and Vulic vs Sweden**" deciza fil-21 ta' Mejju 2003 u "**Lucky Dev vs Sweden**" deciza fis-27 ta' Novembru 2014.

"Isostni li l-penali kollha li kien soggett ghalihom sija dawk li rrizultaw mill-proceduri kriminali kif ukoll dawk li rrizultaw mill-proceduri amministrattivi tad-Dipartiment ghandhom karattru punittiv. Ghalhekk hemm vjolazzjoni tal-principju ta' *ne bis in idem.*

"Finalment, ir-rikorrent jissottometti li l-vjolazzjoni ta` l-principju ta` neb is in idem igib mieghu ksur tal-jedd ghal smigh xieraq kif tutelat bl-Art 6 tal-Konvenzjoni.

"**2) L-intimati**

"Wara li jaghmlu riferenza ghar-risposta taghhom tat-22 ta' Gunju 2010, l-intimati jissottomettu li li ma jistax jinghad illi kien hemm vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent ghaliex it-taxxa fuq l-valur mizjud kellha tingabar mir-rikorrent ghan-nom tal-Gvern minghand l-konsumatur skont d-disposizzjoni tal-Kapitolu 406.

"Ighidu li r-rikorrent dejjem ghazel li jammetti l-akkuzi dedotti kontra tieghu. Ir-rikorrent kien il-persuna responsabbli u kellu joqghod ghall-obbligi u ghad-doveri li johorgu mid-disposizzjonijiet tal-Kap 406.

"Dwar il-penali amministrattivi, jinghad illi r-rikorrent seta` jibbenefika minn skemi ta' amnestija u fil-fatt hekk ghamel.

"Ghal li jirrigwarda l-multi mposti mill-Qorti, ighidu l-intimati illi bl-Att XIV tal-2013, kull persuna li tkun soggetta ghal multa kriminali minhabba inadempjenza tista` tibbenefika minn tnehhija shiha tal-multi mposti, dment li tipprezenta d-denunzji lid-Dipartiment.

"Isostnu li kien ritenut ghal diversi drabi mill-ECHR li materji konnessi ma' taxxi ma jaqghux taht d-definizzjoni ta' "*drittijiet u obbligi civili*" flambitu ta` l-Art 39(2) tal-Kostituzzjoni u ta` l-Art 6 tal-Konvenzjoni. Ghalhekk ir-rimedju li talab ir-rikorrent skont dawk iz-zewg disposizzjonijiet mhuwiex ammissibbli (ara d-decizjonijiet tal-ECHR fil-kaz ta` "**Ferrazini vs Italy**" deciz fit-12 ta' Lulju 2001; u "**Vilko Eselissen vs Finland**" deciz fit-19 ta' April 2007).

"Dwar l-ilment li kien hemm ksur tal-jedd ghal smigh xieraq skont l-Art 39 tal-Kostituzzjoni u l-Art 6(1) tal-Konvenzjoni, l-intimati jirribadixxu li sabiex ikun hemm ksur, il-procedura gudizzjarja trid tkun maghrbula flassjem taghha u mhux jinghazel biss element partikolari mill-procediment.

"L-intimati jirrimarkaw illi s-sentenza citata mir-rikorrent fl-ismijiet "**John Geranzi Limited vs Kummissarju tat-Taxxi Interni et**" kienet differenti mill-kawza tal-lum ghaliex hemm il-lanjanza kienet titratta innuqqas ta' access ghall-Qorti. Fil-kaz tal-lum, l-ilment tal-ksur tal-jedd ghal smigh xieraq huwa nsostenibbli ghaliex il-multi li kienu mposti mill-Qorti kienu l-konsegwenza ta' sejbien ta' htija ghal reat kriminali wara ammissjoni tar-rikorrent. Fil-kaz tal-lum, ir-rikorrent mhu jallega l-ebda nuqqas attribwibbli lill-Qorti tal-Magistrati fil-kuntest tad-dritt ghal smigh xieraq.

"Dwar in-*ne bis in idem* skont l-Art 39(9) tal-Kostituzzjoni, l-intimati jissottomettu li l-principju jimplika illi meta persuna tkun ghaddiet ghal reat ma tistax tghaddi minn process iehor dwar l-istess reat. Ghalkemm l-Art 39(9) tal-Kostituzzjoni jixbah l-Art 4 Prot 4 tal-Konvenzjoni, m`ghandux isir tqabbil bejn it-tnejn fuq il-livell ta` applikazzjoni jew tifsir. (ara "**Spiteri vs Avukat Generali**" deciza fl-20 ta` Novembru 2000).

"Isostnu li fl-ordinament guridiku taghna, sabiex ikun hemm *ne bis in idem* fil-qasam penali, irid jigi ppruvat illi persuna li tkun akkuzata ghal darb`ohra ghal akkuza dwar fatt ghal liema akkuza tkun diga` giet iggudikata (ara : "**Il-Pulizija vs Anthony Vella et**" deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Frar 1999). Taht il-Konvenzjoni, l-applikazzjoni tal-principju hija differenti, ghaliex hemm hadd ma jista` jigi pprocessat ghal darbtejn fi procediment kriminali taht il-gurisdizzjoni tal-istess Stat ghal reat li dwaru jkun diga gie processat. Il-fatt wahdu li jkun hemm duplikazzjoni tal-procedimenti m'ghandux ikun l-uniku kejl, izda irid ikun hemm ukoll l-istess reat.

"Skont l-intimati, meqjusa l-fattispeci tal-kaz tal-lum, ma kienx hemm proceduri kriminali ghal darbtejn propju ghaliex ghandha ssir distinzjoni netta bejn penali amministrattivi u l-imghax skont lil-Kap 406 fuq naha wahda, u l-multi li timponi qorti kriminali skont il-Kap 9. In-nuqqas tarrikorrent li jhallas il-multa ma kienx riferibbli ghal disposizzjoni ta` ligi, izda jirreferi ghal perjodi ta` inottemperanza mas-sentenza tas-7 ta` Frar 2002. Ghalhekk ma hemmx l-element tal-istess reat sabiex ikun

hemm *neb is in idem.* (ara : "**John Mizzi vs Avukat Generali**" deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta` April 2011).

"Ighid l-intimati illi minn ezami tal-atti tal-procedimenti kriminali li kienu jinvolvu lir-rikorrent, ghandu jirrizulta li s-sentenza tas-7 ta` Frar 2002, inghatat minhabba ksur tal-Art 76 tal-Att XXIII tal-1998, is-sentenza tas-17 ta` Novembru 2005 tirreferi ghall-kundanna ghall-hlas ta` penali ghal nuqqas ta` ottemperanza mas-sentenza tas-7 ta` Frar 2002, waqt li ssentenza tal-20 ta` Frar 2008 tirreferi ghal nuqqas ta` ottemperanza ohra. Ghalhekk, skont l-intimati, ma kien hemm l-ebda vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali u m`ghandu jinghata l-ebda rimedju lir-rikorrent.

"Dan premess, l-intimati jzidu illi fl-eventwalita li l-Qorti ssib li kien hemm vjolazzjoni, allura jissottomettu li xorta wahda mhuwiex gustifikat irrimedju mitlub mir-rikorrenti (ara s-sentenza fl-ismijiet "**Major Peter Manduca vs L-Onorevoli Prim Ministru**" deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-23 ta` Jannar 1995).

"Isostnu li fejn bhala rimedju r-rikorrent qieghed jitlob it-thassir tassentenzi tal-Qorti tal-Magistrati, l-intimati jirreferu ghal Jacobs and White li fil-ktieb taghhom "**The European Convention on Human Rights**" meta jghidu li – " *a finding by the Court that an applicant's trial fell short of the standards of Article 6 does not have the effect of quashing the conviction or overturing the jughement, as the case may be*."

18. F'dan l-istadju l-ewwel Qorti ghaddiet sabiex ticcita dispozizzjonijiet mill-Kap. 406 li qieset bhala relevanti ghall-kaz.

"**1) L-Art 83**

………. Omissis ……….

*"(1) Ma ghandhom jinbdew ebda proċedimenti taht din it-Taqsima hlief minn jew bil-permess tal-Kummissarju, u dawk il-proċedimenti hekk mibdija jistghu f`kull żmien qabel is-sentenza finali jiġu rtirati fuq talba tal- Kummissarju.*

*"(2) Minkejja id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali jkollu l-jedd ta` appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali minn kull sentenza moghtija mill-Qorti tal-Maġistrati dwar proċedimenti kriminali taht din it-Taqsima.*

*"(3) Il-bidu ta` proċedimenti jew l-impożizzjoni ta` piena ghal xi reat taht din it-Taqsima ma ghandhomx jehilsu lil xi persuna minn prosekuzzjoni taht xi liġi ohra jew mill-obbligu ta` hlas ta` xi taxxa jew penali amministrattiva li ghandha jew li jista` jkollha taht dan l-Att u l-bidu ta` proċedimenti jew l-impożizzjoni ta` xi piena ghal xi reat taht xi*

*liġi ohra jew il-hlas ta` xi taxxa jew penali amministrattiva taht dan l-Att ma ghandhomx jehilsu lil xi persuna minn xi prosekuzzjoni jew piena taht din it-Taqsima.*

*"(4) L-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali u tal-Att dwar il-Probation ma ghandhomx japplikaw dwar xi sejbien ta` htija taht dan l-Att.*

*"(5) Fi proċedimenti kriminali taht din it-Taqsima jew taht xi regolamenti maghmula taht dan l-Att, il-Kummissarju personalment jew kull uffiċjal iehor li jissemma` minnu jista`, minkejja d-disposizzjonijiet ta` kull liġi ohra, iġib il-provi, jittratta u b`kull mod iehor imexxi il-prosekuzzjoni minflok il-Pulizija jew flimkien maghhom.*

*"(6) Jekk tkun tenhtieġ bhala parti mill-każ tal-prosekuzzjoni ixxiehda tal-Kummissarju jew ta` xi uffiċjal kif imsemmi qabel huwa ghandu jinstama` qabel ma jibda` iwettaq id-dmirijiet ta` uffiċjal prosekutur kemm-il darba il-htieġa li jaghti xiehda ma tqumx fi stadju ulterjuri tal-proċedimenti: iżda l-Kummissarju jew uffiċjal iehor kif imsemmi qabel jista` isemmi l-fatti li jikkostitwixxu r-reat qabel ma jaghti xiehda.*

"**2) <u>It-tifsira ta` "penali amministrattiva"</u>**

"Fl-Art 2, "penali amministrattiva" nghatat it-tifsira bhala – *penali mposta skont id- disposizzjonijiet tat-Taqsima V*.

"**3) <u>L-Art 76</u>**

………. Omissis ……….

*"Kull persuna li -*

*"(a) tonqos milli japplika ghal reġistrazzjoni fiż-żmien u bil-mod mehtieġa bl-artikolu 10 jew 12 ;*

*"(b) tonqos milli żżomm jew taghti kull dokumentazzjoni, dokument u kontijiet ghaż-żmien u bil-mod mehtieġ b`dan l-Att jew b`kull regolament maghmul bis-sahha tieghu ;*

*"(ċ) tonqos milli taghmel denunzja ta` taxxa meta tkun mehtieġa taghmel dan bis-sahha ta` dan l-Att ;*

*"(d) tonqos milli taghmel denunzja addizzjonali, dikjarazzjoni jew taghti taghrif jew li ġġib kotba, dokumentazzjoni, dokumenti u kontijiet, jew tonqos milli thallas xi taxxa jew penali amministrattiva meta tkun mehtieġa taghmel dan bis-sahha ta` dan l-Att jew ta` kull regolament maghmul bissahha ta` dan l-Att ;*

*"(e) tforni prodotti jew servizzi u li tonqos li tipprovdi dik ilgaranzija mitluba mill-Kummissarju skont l-artikolu 63(5),*

*"tkun hatja ta` reat u tehel, meta tinstab hatja, multa ta` mhux inqas minn seba` mitt euro (€700) u mhux iżjed minn tliet elef u hames mitt euro (€3,500) u, fuq talba tal-prosekuzzjoni, il-qorti ghandha, fir-rigward ta` reat skont il-paragrafu (ċ), tordnalha biex tikkonforma*

*ruhha mal-liġi fi żmien biżżejjed biex tkun tista` taghmel dan, iżda f'kull kaz mhux iktar minn tliet xhur, u fin-nuqqas min jaghmel ir-reat ikollu jhallas multa ohra ta' hames euro (€5) ghal kull gurnata li matulu jkompli n-nuqqas wara li jghaddi z-zmien moghti mill-qorti :*

*"Izda persuna li taghmel ir-reat tista', sa zmien tletin gurnata mid-data tad-decizjoni finali, taghmel rikors lill-Qorti li sabitha hatja, u titlob mahfra shiha jew parzjali tal-penali imposta taht dan l-artikolu. Il-Qorti tista' tikkoncedi mahfra shiha jew parzjali ta' din il-penali kemm il-darba lprosekuzzjoni, bi qbil bil-miktub mal-Kummissarju li ghandu jkun maghmul ma' kull risposta ghal tali rikors, taqbel ma' dan ir-rikors. Kull rikors bhal dan ghandu jigi notifikat lill-prosekuzzjoni li ghandha tirrispondi fi zmien hmistax-il gurnata xoghol minn meta tigi notifikata.*

"**4) <u>L-Art 31</u>**

………. Omissis ……….

*"(1) Meta persuna li ghandha l-obbligu li tibghat denunzja ta` taxxa taht l-artikolu 27 ghal żmien ta` taxxa tonqos milli taghmel dik id-denunzja il-Kummissarju jista` jaghmel stima tal-output tax u t-tnaqqis ghal dak iż-żmien u tal-penali amministrattiva li ghaliha tkun ġiet suġġetta dik ilpersuna u jinnotifika dik l-istima lil dik il-persuna f`kull żmien wara li jghaddi ż-żmien li fih kellha tintghamel dik id-denunzja skont dan l-Att u mhux iktar tard minn sitt snin mit-tmiem tal-imsemmi żmien ta` taxxa.*

*"(2) Stima maghmula ghal żmien ta` taxxa ta` persuna skont dan lartikolu ma ghandhiex tehles lil dik il-persuna mill-obbligu li taghmel denunzja ghal dak iż-żmien u mir-responsabbiltà ghall- hlas ta` kull penali amministrattiva jew penali amministrattivi ohra skont id-disposizzjonijiet relevanti ta` dan l-Att.*

*"(3) Meta tintghamel denunzja ghal żmien ta` taxxa wara li tkun saret stima skont is-subartikolu (1) il-Kummissarju jista` jhassar dik l-istima minghajr preġudizzju ghad-dritt tieghu li jaghmel stima ohra skont iddisposizzjonijiet l-ohra ta` dan l-Att.*

*"(4) It-thassir ta` stima kif imsemmi qabel ma ghandux jehles lil dik il-persuna li tkun ghamlet dak in-nuqqas milli tkun suġġetta ghal penali amministrattiva skont id-disposizzjonijiet l-ohra ta` dan l-Att.*

"**5) <u>L-Art 38</u>**

………. Omissis ……….

"*(1) Kull persuna reġistrata taht l-artikolu 10 li, meta tkun mehtieġa taghmel denunzja ghal żmien ta` taxxa, tibqa` ma taghmilx dik id-denunzja fiż-żmien stipulat fid-disposizzjonijiet relevanti ta` dan l-Att tkun dovuta thallas penali amministrattiva f`ammont ekwivalenti ghal dak li jkun oghla minn -*

"*(a) wiehed fil-mija tal-eċċess, jekk ikun hemm, tal-output tax fuq ittnaqqis, minghajr ma jinghata kont ta` xi kreditu eċċessiv miġjub `il*

*quddiem minn żmien ta` taxxa ta` qabel, kif dikjarat f`dik id-denunzja ; u*

“(b) *ghoxrin euro (€20),*

*“ghal kull xahar jew parti minn xahar li jiskadi mid-data meta kellha ssir id-denunzja skont dan l-Att u d-data meta din tinghata lill-Kummissarju.*

“*Iżda meta t-taxxa pagabbli tkun inqas minn mitejn u hamsin euro (€250), dik il-penali amministrattiva ma ghandhiex teċċedi l-ekwivalenti tattaxxa pagabbli ghall-eqreb euro jew hamsin euro (€50), liema ammont ikun lakbar, u ma ghandhiex teċċedi l-mitejn u hamsin euro (€250) f`kull każ iehor.*[11]

“*(2) Kull persuna li, meta tkun mehtieġa li taghmel dikjarazzjoni jew stqarrija skont l-artikolu 30, ma taghmilx dik id- dikjarazzjoni jew stqarrija fil-limitu ta` żmien imniżżel fid- disposizzjonijiet relevanti ta` dan l-Att tkun suġġetta ghal penali amministrattiva ta` ghaxar euro (€10) ghal kull xahar jew parti minn xahar li jiskadi mid-data meta kellha ssir id-dikjarazzjoni jew stqarrija skont dan l-Att u d-data meta din tinghata lill- Kummissarju :*

“*Iżda dik il-penali amministrattiva ma ghandha fl-ebda każ teċċedi mija u ghoxrin euro (€120) ghal kull dikjarazzjoni jew stqarrija bhal dik.*

“**6) L-Art 42**

………. Omissis ……….

*“(1) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tal-artikoli 37 sa 41, it-tnejn inklużi –*

*“(a) l-ebda penali amministrattiva ma ghandha tkun dovuta minn persuna ghal xi nuqqas jekk dik il-persuna turi li jkun hemm skużanti raġonevoli ghal dak in-nuqqas ;*

*“(b) jekk persuna ma turix li hemm skużanti raġonevoli ghal xi nuqqas, iżda l-Kummissarju jkun tal-fehma li n-nuqqas irriżulta minn ċirkostanzi partikolari li jkun jisthoqqilhom tnaqqis tal-penali amministrattiva, huwa jista`, fid-diskrezzjoni tieghu, jahfer parti mill-penali amministrattiva ghal dak in-nuqqas ;*

*“(c) jekk il-Kummissarju jkun tal-fehma li dak in-nuqqas irriżulta minn żball ġenwin huwa jista` jahfer ghal kollox jew parti mill-penali amministrattiva ghal dak in-nuqqas ;*

*“(d) l-ebda penali amministrattiva ma ghandha tkun dovuta skont lartikolu 38 meta denunzja mehtieġa li ssir skont l-artikolu 27 jew dikjarazzjoni mehtieġa li ssir skont l-artikolu 30(1) tkun mibghuta b`mezz elettroniku permezz tal-portal elettroniku hekk indikat ghal dan*

[11] Dan il-proviso ddahhal fl-1 ta’ Jannar 2009 u allura wara li kienu diga` inghataw is-sentenza mill-Qorti tal-Magistrati [Malta].

*il-ghan mill-Kummissarju, flimkien mal-hlas dovut fuq id-denunzja, mhux aktar tard minn sebghat ijiem mid-data li tali denunzja jew dikjarazzjoni kellha tkun mibghuta skont id-disposizzjonijiet ta` dan l-Att.*

*"(2) Ghall-finijiet tas-subartikolu (1)(a) u (b) -*

*"(a) il-fatt li ma jkunx hemm fondi biżżejjed mnejn tithallas xi taxxa dovuta ; jew*

*"(b) meta titqieghed fiduċja fuq xi persuna ohra sabiex din twettaq biċċa xoghol, il-fatt li jkun hemm dik il- fiduċja jew xi dewmien jew ineżattezzi mill-persuna li jkollha l-fiduċj a, ma jitqisux li huma skużanti raġonevoli.*

*"(3) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tal-artikoli 43 u 44, l-użu taddiskrezzjoni tal-Kummissjarju ghall-finjiet tas-subartikolu (1)(b) u (ċ) ma ghandu bl-ebda mod jiġi kontestat f`xi appell jew f`xi riferenza maghmula lit-Tribunal.*

*"(4) Il-Ministru jista` b`regolamenti jippreskrivi kondizzjonijiet li permezz taghhom parti mill-penali amministrattiva jew il-penali amministrattiva kollha dovuta taht l-artikoli 37 sa 41 tista` titnehha. Dawn ir-regolamenti jistghu jipprovdu wkoll ghat- tnehhija ta` penali amministrattiva dovuta skont l-Att tal-1994 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud u skont l-Att dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa.*

"**V. Mertu**

"Billi bis-sentenza taghha tad-9 ta` Frar 2012 hija cahdet it-tliet eccezzjonijiet preliminari tal-intimati, il-Qorti sejra tghaddi biex tqis leccezzjonijiet fil-mertu ta` l-intimati flimkien mal-mertu tat-talbiet.

………. Omissis ……….

"**2) L-ewwel talba**

"Taqra hekk -

*"Tiddikjara illi, ghar-ragunijiet fuq esposti, is-subartiklu 3 tal-artikolu 83 tal-Kap 406 tal-Ligijiet ta` Malta jikser id-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-Kostituzzjoni ta` Malta fl-Artikolu 39.*

Skont l-**Art 39(1) tal-Kostituzzjoni**, *kull meta xi hadd ikun akkużat b`reat kriminali huwa ghandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġl moghti smigh xieraq gheluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b`liġi."*

"Fil-kaz tal-lum, il-Qorti ma ssibx il-prova ta` ksur tal-Art 39 tal-Kostituzzjoni.

“L-Art 83(3) tal-Kap 406 jipprovdi illi proceduri kriminali li jistghu jittiehdu b`istanza tad-Direttur kontra l-persuna registata, jekk jirrizulta li jkun ikkommetta reat skont l-Art 76.

“Fil-kaz tal-lum irrizulta ppruvat illi r-rikorrent ma kienx dahhal iddenunzji relattivi fi zmien partikolari u specifikat. Ghalhekk ir-rikorrent kien passibbli ghal proceduri kriminali kontra tieghu skont l-Art 76(c).

“Quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura, irrikorrent ammetta l-akkuzi dedotti kontra tieghu u nghata l-piena.

“Quddiem dik il-Qorti, ir-rikorrenti kellu d-dritt u l-opportunita` li jiddefendi ruhu u minflok ammetta l-akkuzi.

“Kellu wkoll il-jedd jinterponi appell izda ghazel li ma jipprezentax appell mid-decizjoni tal-Qorti.

“**L-ewwel talba tar-rikorrent qeghda tkun <u>michuda</u>.**

“**3) <u>It-tieni talba</u>**

“Taqra hekk -

> *“Tiddikjara illi, ghar-ragunijiet fuq esposti, is-subartiklu 3 tal-artikolu 83 tal-Kap 406 tal-Ligijiet ta` Malta jiksru id-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem:*
>
> *“(a) Fl-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta` Malta*
>
> *“u*
>
> *“(b) Fl-Artikolu 4 tas-Seba` Protokoll tal-istess Konvenzjoni.*

“It-tieni talba tipprospetta ksur bl-Art 83(3) tal-Kap 406 ta` zewg disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni u cioe` tal-Art 6 u tal-Art 4 Prot 7.

“Il-Qorti sejra tqis l-allegata vjolazzjoni taz-zewg disposizzjonijiet b`mod distint.

………. Omissis ……….

“Dak li l-Qorti diga` rrilevat dwar l-allegat ksur tal-Art 39 tal-Kostituzzjoni fil-konsiderazzjoni tal-ewwel talba jghodd kollu kemm hu *mutatis mutandis* ghal fejn it-tieni talba tittratta allegat ksur tal-Art 6.

“**Ghalhekk il-parti (a) tat-tieni talba qeghda tkun <u>respinta</u>.**

“**b) <u>L-Art 4 Prot 7 tal-Konvenzjoni</u>**

"Id-disposizzjoni rilevanti tghid *illi hadd ma jista` jkun ipprocessat jew jerga` jigi kkastigat ghal darb`ohra fi procedimenti kriminali taht ilgurisdizzjoni tal-istess Stat ghal xi reat li dwaru jkun diga` gie finalment liberat jew misjub hati skont il-ligi u l-procedura penali ta` dak l-Istat.*

"Fid-decizjoni li nghatat fis-26 ta` Frar 2013 mill-Qorti tal-Gustizzja tal-UE fil-kaz ta` **Aklagaren vs Hans Akerberg Fransson** li ttratta lkwistjoni ta` *ne bis in idem*, inghad hekk -

> *"… Article 50 of the Charter does not preclude a Member State from imposing, for the same acts of non-compliance with declaration obligations in the field of VAT, a combination of tax penalties and criminal penalties. In order to ensure that all VAT revenue is collected and, in so doing, that the financial interests of the European Union are protected, the Member States have freedom to choose the applicable penalties … These penalties may therefore take the form of administrative penalties, criminal penalties or a combination of the two. It is only if the tax penalty is criminal in nature for the purposes of Article 50 of the Charter and has become final, that that provision precludes criminal proceedings in respect of the same acts from being brought against the person.*
>
> *"… The ne bis in idem principle laid down in Article 50 of the Charter of the Fundamental Rights of the European Union does not preclude a Member State from imposing successively, for the same acts of non-compliance with declaration obligations in the field of value added tax, a tax penalty and a criminal penalty in so far as the first penalty is not criminal in nature, a matter which is for the national court to determine.*

"Issir riferenza ghall-pronunzjament li tat din il-Qorti (Imhallef Anthony Ellul) fil-21 ta` Frar 2014 fil-procediment fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Godwin Muscat**", li minnu ma kienx hemm appell. Inghad –

> *"The Strasbourg Court has stated that the aim of Article 4 of Protocol 7 "is to prohibit the repetition of criminal proceedings that have been concluded by a final decision". The scope of Article 4 has been clarified by the Grand Chamber in the Sergey Zolotukhin case. The Grand Chamber was influenced by the text of corresponding provisions in the Covenant on Civil and Political Rights, and the American Convention on Human Rights, in concluding that the Article should be interpreted as prohibiting the prosecution or trial of an individual for a second offence where that second prosecution or trial arose from "identical facts or facts which are substantially the same, and the guarantee comes into play where a new set of proceedings is instituted after a prior acquittal or conviction has acquired the status of res judicata." (The European Convention on Human Rights, Robin C.A. White & Clare Ovey, Oxford [2010] pagna 305).*
>
> *"Fil-kaz Zolotukhin v Russia (applikazzjoni numru : 14939/03) deciz fl-10 ta` Frar 2009 mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ikkonfermat li l-Artikolu 4 tal-Protokoll numru 7:-*

*"98. was not confined to the right not to be punished twice but extended to the right not to be prosecuted or tried twice."*

*"Jirrizulta li d-Dipartiment impona taxxa addizzjonali, fit-termini tal-Artikolu 23(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kap. 372) li jipprovdi li d-Direttur Generali tat-Taxxa ghandu d-diskrezzjoni li jimponi taxxa addizzjonali fuq min jonqos li jnaqqas taxxa skont l-Artikolu 23(1), jew ghalkemm ikun naqqasha jkun naqas milli jhallasha lid- Dipartiment, jew xort`ohra jkun naqas milli jhares id-disposizzjonijiet tar-regoli maghmula mid-Dipartiment.*

*"Kien hemm diversi kazijiet quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li ttrattaw jekk sanzjonijiet amministrattivi kienux jikkwalifikaw bhala `criminal charge`. Hekk per ezempju huma l-kazijiet Vastberga Taxi Aktiebolag and Vulic v Sweden (36985/97) tal-21 ta` Mejju 2003, Rosenquist v Sweden (60619/00) tal-14 ta` Settembru 2004. Fis-sentenzi jissemmew tlett kriterji biex jigi determinat jekk offiz tikkwalifikax bhala "criminal":*

*"the legal classification of the offence in domestic law, the nature of the offence and the nature and degree of severity of the possible penalty" (paragrafu 76 tal-kaz Vastberga). Kriterji li skont il-gurisprudenza ma jidhirx li jridu jkunu kumulattivi. Il-kaz ta` Vastberga kien jitratta limposizzjoni ta` tax surcharge fuq min ma jatix taghrif korrett. Il-qorti osservat li:-*

*"• l-ghan wara l-provvediment fuq surcharges hu "to exert pressure on taxpayers to comply with their legal obligations and to punish breaches of those obligations. The penalties are thus both deterrent and punitive. The latter character is the customary distinguishing feature of a criminal penalty (see the Ozturk v. Germany judgment cited above, p. 20, §53)."*

*"• "The criminal character of the offence is further evidenced by the severity of the potential and actual penalty. The surcharges, normally fixed at 20% or 40% of the tax avoided, depending on the type of tax involved, have no upper limit and may come to very large amounts. It is true that surcharges cannot be converted into a prison sentence in the event of non-payment; however this is not decisive for the classification of an offence as `criminal` under Article 6 (see the Lauko v. Slovakia judgment cited above, p. 2505 §58).". Fil-kaz in ezami jirrizulta li hemm massimu ta` Ewro1,000 taxxa addizzjonali li jista` jimponi d-Direttur Generali ghal kull nuqqas (Artikolu 23(5) tal-Kap. 372).*

*"Gialadarba jidher li t-taxxa addizzjonali hi ntiza sabiex isservi bhala deterrent u hi wkoll mizura punittiva, allura l-qorti tikkonkludi li tikkwalifika bhala `a criminal penalty`. Ghal dak li jikkoncerna l-ilment taht l-Artikolu 39(9) il- principju ta` ne bis in idem japplika fejn persuna tkun ghaddiet minn proceduri "quddiem qorti kompetenti". Billi t-taxxa addizzjonali tigi mposta mid-Direttur Generali tat-Taxxi, dan il-provvediment ma japplikax fil-kaz in ezami.*

*"Il-qorti tinnota wkoll li l-imposizzjoni ta` taxxa addizzjonali ma twassalx ghall-ksur tal-Artikolu 4 tas-Sebgha Protokoll tal-Konvenzjoni meqjus li skont l-Artikolu 23(8) tal-Kap. Kap. 372 : "Il-Kummissarju jista` fid-diskrezzjoni tieghu jaghti lura kollha kemm hi jew f`xi parti minnha xi taxxa addizzjonali imposta taht id-disposizzjoni ta` dan l-artikolu.". Mela l-imposizzjoni ta` taxxa addizzjonali m`hijiex definittiva, kuntrarjament ghal dak li jigri fejn tinghata sentenza li ssir gudikat.*

*"F`kull kaz mill-provi ma rrizultax li sal-lum id-Direttur Generali Taxxi hareg xi avviz kontra Dr Muscat Azzopardi li biha mpona taxxa addizzjonali, f`liema eventwalita` jkollu kull dritt li jikkontesta l-istess ai termini tal-Artikolu 23(6) tal-Kap. 372. Fil-fatt l-avvizi li nhargu huma fil-konfront tal-kumpannija Zimmermann House Projects Limited u Dr Patrick Spiteri. Fil-kaz Sergey* *__Zolotukhin v Russia__*, *inghad :-*

> *"107. The Court reiterates that the aim of Article 4 of Protocol No. 7 is to prohibit the repetition of criminal proceedings that have been concluded by a final decision. According to the Explanatory Report to Protocol No. 7, which itself refers back to the European Convention on the International Validity of Criminal Judgments, a "decision is final `if, according to the traditional expression, it has acquired the force of res judicata. This is the case when it is irrevocable, that is to say when no further ordinary remedies are available or when the parties have exhausted such remedies or have permitted the timelimit to expire without availing themselves of them".*

"Ghall-fatt illi r-rikorrent naqas li jipprezenta d-denunzji fil-hin, il-Kap 406 jikkontempla li l-persuna registrata tehel multi, penali u imghax. L-iskop tal-ligi huwa li jizgura li l-persuna registrata twettaq l-obbligi taghha billi thallas it-taxxa fuq il-valur mizjud li tkun gabret minghand il-konsumatur, taxxa li hija dovuta lill-Gvern. L-Art 76 tal-Kap 406 jahseb ghal hames cirkostanzi ; wahda minnhom hija proprju dik li tirrigwarda rrikorrent fis-sens illi fin-nuqqas il-persuna registrata "*tkun hatja ta` reat*". L-indikazzjoni hi li b`dak l-artikolu l-legislatur ried li jimponi deterrent kif ukoll mizura punittiva. Ladarba jidher li l-penali, multi u imghax huma ntizi sabiex iservu ta` deterrent u bhala mizuri punittivi, allura jikkwalifikaw bhala "*a criminal penalty*".

"Issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tad-29 ta` Mejju 2015 fil-kawza "**__Angelo Zahra vs L-Onorevoli Prim Ministru et__**".

"Ghalkemm dik il-kawza kienet tittratta dwar id-disposizzjonijiet tal-ligi fiskali tal-FSS, il-principji li jemergu minn dik is-sentenza jistghu jigu applikati ghall-kaz tal-lum.

"Il-Qorti qalet hekk –

"*L-Artikolu 4 tas-Seba` Protocoll tal-Konvenzjoni fil-parti relevanti jaqra hekk :*

*"1. Hadd ma jista` jkun ipprocessat jew jerga` jigi kkastigat ghal darb`ohra fi procedimenti kriminali taht il-gurisdizzjoni tal-istess Stat*

*ghal xi reat li dwaru jkun diga` gie finalment liberat jew misjub hati skont il-ligi u l-procedura penali ta` dak l-Istat."*

*"25. Fir-rigward din il-Qorti tosserva li hemm certu kazijiet fejn ilmulta amministrattiva tant tkun severa li tikkwalifika bhala piena penali ghax tenut kont tas-severita` taghha titqies derivanti minn akkuza kriminali ghall-finijiet tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.*

*"26. Fil-kaz odjern huwa minnu li, filwaqt li l-piena imposta mill-Qorti hija wahda definittiva, dik amministrattiva m`hijiex definittiva u dan peress li, ai termini tal-Artikolu 23 [8] tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa Kap. 372, din tista` tigi irtirata parzjalment jew fl-intier taghha mill-Kummissarju. Huwa wkoll minnu li, skont il-proviso tas-subinciz 7 tal-istessatt, dik it-taxxa tista` wkoll tigi kontestata quddiem qorti fiz-zmien hmistax-il jum min-notifika tal-avviz. Huwa minnu wkoll li skont ir-regolament nurmu 24 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 372.14 intestata "Regoli Dwar Final Settlement System [FSS]", il-pagatur li jhossu aggravat bid-decizjoni jista` ai termini tas-subinciz 3 jipprezenta ittra ta` kontestazzjoni lill-Kummissarju fi zmien ghaxart ijiem min- notifika, u skont is-subinciz [5], dan jista` jahfer ittaxxa addizzjonali, parzjalment jew fl-intier taghha, jekk ikun sodisfatt li nnuqqas tal-pagatur ma jkunx dovut ghal xi htija jew negligenza tieghu.*

*"27. Izda mill-provi akkwiziti jirrizulta li l-multi mitluba mid-Direttur minghand ir-rikorrent potenzjalment ilahhqu eluf kbar ta` euro u ghalhekk huma sostanzjali. Ukoll ma jirrizultax li dawn gew irtirati mid-Direttur. Ghalhekk meta l-pulizija agixxiet kontra r-rikorrent billi tat bidu ghall-proceduri kriminali kontra tieghu ghar-reati bazati fuq l-istess fatti – li juri li l-fatti huma klassifikati bhala reat kriminali – li fuqhom kienu diga` gew imposti l-multi "amministrattivi", dawn il-multi kienu gja` fis-sehh. Minn dan jirrizulta car li bit-tehid kontra r- rikorrent ta` proceduri kriminali wara li gia` gew imposti l-multi "amministrattivi", ir-rikorrent mhux talli gie processat darbtejn fuq l-istess fatti, izda talli gie wkoll penalizzat darbtejn in vjolazzjoni tal-artikolu konvenzjonali fuq citat.*

*"28. Il-konsiderazzjonijiet premessi huma msahhin b`dak li osservat il-Qorti Ewropeja fil-kaz ta` Lucky Dev v. Sweden [Appl.7356/10, deciz 27 Novembru 2014] fejn, wara li osservat li "..the aim of Article 4 of Protocol Np.7 is to prohibit the repetition of criminal proceedings that have been concluded by a final decision..." qalet li l-fatt wahdu li kien hemm duplikazzjoni ta` proceduri, kriminali u amministrattivi, ghaddejjin fl-istess hin ma jinvolvix ksur tal-Artikolu 4 tal-Protokoll 7. Dak li f`dak il-kaz kien jinvolvi ksur ta` dak l-artikolu konvenzjonali kien il-fatt li, ghalkemm il-proceduri kriminali kienu gew konkjuzi qabel il-proceduri amministrattivi bil-liberatorja tal-applikant, dawn l-ahhar proceduri damu ghaddejjin ghal 9 xhur ohra, wara li l-applikanti kienet giet liberata. "Therefore the applicant was tried "again" for an offence for which she had already been finally acquitted".*

*"29. Fid-dawl tal-premess, fil-kaz odjern jirrizulta li, fiz-zmien meta ttiehdu passi kriminali kontra r-rikorrent konkluzi bis-sejbien ta` htija tar-reati li bihom kien gie akkuzat u konsegwentement ikkundannat piena, kienu gia` gew imposti fuqu multi "amministrattivi" ta` entita` tant severa li ghandhom jitqiesu sanzjoni ta` natura penali.*

*Ghaldaqstant fid-dawl tal-fatti kif zvolgew, il-proceduri kriminali kontra tieghu huma vjolattivi tal-Artikoli 4 tal-Protokoll 7. Dan ghandu jwassal ghan-nullita` tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal- Magistrati [Malta] fid-9 ta` Marzu 2010 kif riformata mill-Qorti Kriminali fil-31 ta` Ottubru 2013.*

“Abbazi tal-provi akkwiziti fil-kaz taht ezami rrizulta li:-

“1) L-ewwel darba, ir-rikorrent kien akkuzat talli naqas milli, sal-hmistax-il jum tat-tieni xahar li jigi wara l-ahhar jum li fih intemmu z-zminijiet ta` taxxa relattivi, jibghat lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud id-denunzji ghaz-zminijiet li ntemmu fil-31 ta` Ottobru 1999, fil-31 ta` Jannar 2000, fit-30 ta` April 2000 u fil-31 ta` Lulju 2000 u dan bi ksur tal-Artikoli 27(1) u 76(c) tal-Att Nru XXIII tal-1998. Ir-rikorrent ammetta lakkuza, instab hati taghha u nghata l-piena ta` multa ta` Lm 100.

“2) It-tieni darba, fi procediment separat, ir-rikorrent kien akkuzat talli naqas li jikkonforma ruhu mal- ewwel sentenza. Ir-rikorrent ammetta l-akkuza u skont l-Art 76 tal-Kap 406 kien misjub hati u kien ikkundannat sabiex ihallas multa ta` Lm 3,132.

“3) It-tielet darba, anke dan procediment separat, ir-rikorrent kien akkuzat talli naqas li jikkonforma ruhu mat-tieni sentenza. Ir-rikorrent ammetta l-akkuza u skont l-Artikolu 76 tal-Kap 406 kien misjub hati u kien ikkundannat sabiex ihallas multa ta` € 11,111.11.

“Jidher li l-akkuza li fuqha r-rikorrent tressaq it-tieni u t-tielet darba kienet ibbazata fuq s-sentenza li nghatat l-ewwel darba li tressaq. It-tieni darba kien fil-fatt akkuzat illi ma hallasx il-multa li kienet imposta bl-ewwel sentenza. Huwa evidenti mis-sentenza tat-tieni darba li tressaq illi l-Qorti tal-Magistrati kienet qeghda toqghod fuq l-Art 76. It-tielet darba li tressaq imbaghad rega` kien akkuzat talli ma kienx hallas il-multa li kienet inflitta bit-tieni sentenza. Fil-fatt il-multa li kienet imposta fit-tielet sentenza kienet hafna aktar oghla minn dik prevista mil-ligi ghaliex ir-rikorrent kien diga` nstab hati tal-akkuzi skont l-Art 76(c). Ghal din il-Qorti huwa car li waqt ittieni u t-tielet procedimenti kien hemm vjolazzjoni tal-principju *ne bis in idem* fis-sens illi r-rikorrent kien immultat ulterjorment ghall-istess akkuza. Mhux biss ir-rikorrent ghadda proceduri kriminali tlett darbiet ghall-istess akkuza, izda kien ikkundannat ghal tliet darbiet ghall-istess akkuza, b`multa li marret oltre l-limitu stabbilit mil-ligi.

“**Ghalhekk il-parti (b) tat-tieni talba qeghda tkun <u>milqugha</u>.**

“**4) <u>It-tielet talba</u>**

“Taqra hekk:-

*"Konsegwentement tiddikjara illi s-subartikolu 3 tal-Artikolu 83 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta` Malta huwa null u minghajr effett in kwantu leziv tal-Artikoli precitati tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni.*

"Il-Qorti sabet illi l-Art 83(3) tal-Kap 406 imur kontra l-Art 4 Prot 7 tal-Konvenzjoni.

"Issa l-**Art 3(2) tal-Kap 319** jipprovdi illi –

*"Fejn ikun hemm xi ligi ordinarja li tkun inkonsistenti mad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, l-imsemmija Drittijiet u Libertajiet ghandhom jipprevalu, u dik il-ligi ordinarja ghandha, safejn tkun inkonsistenti, tkun **bla effett**.* (enfasi u sottolinear tal-qorti).

"**Ghalhekk riferibbilment ghat-tielet talba, il-Qorti qeghda tiddikjara bhala minghajr effett l-Art 83(3) tal-Kap 406 billi huwa nkonsistenti mal-Art 4 Prot 7 tal-Konvenzjoni.**

"**5) Ir-raba` talba**

"Taqra hekk:–

*"Tiddikjara konsegwentement illi kwalsijasi multa amministrattiva reklamata mill-intimat Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud a bazi tal-Artikolu 83(3) tal-Kap.406 jikkostitwixxu procedura penali b`konsegwenza ta` deterrent jew piena u li jrendu l-proceduri kriminali u pieni konsegwenzjali kif premessi nulli u minghajr effett.*

"Bl-Art 83(3) tal-Kap 406 jistghu jittiehdu proceduri kriminali mid-Direttur kontra l-persuna registrata, jekk jirrizulta li jkun ikkommetta reat ai termini tal-Art 76 tal-istess Att. Billi l-Qorti sabet illi l-Art 83(3) huwa nkonsistenti mal-Art 4 Prot 7 tal-Konvenzjoni, il-multi nflitti fit-tieni u fittielet proceduri kriminali kontra r-rikorrent fl-ammont shih ta` €18,406.71 [€7295.60 (jew Lm 3.132) + €11,111.11] huma bla effett.

"**6) Il-hames, is-sitt u s-seba` talbiet**

"Il-hames talba taqra:-

*"Tiddikjara illi, ghar-ragunijiet premessi f`dan ir-rikors, is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali tal-20 ta` Frar 2008 fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Alexander Paul Miruzzi) vs David Mifsud" tikkostitwixxi ksur tal-jeddijiet fundamentali tar-rikorrent kif protetti (a) fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni (b) fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u (c) fl-Artikolu 4 tas-Seba` Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.*

"Is-sitt talba taqra :-

*"Thassar l-imsemmija sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali tal-20 ta` Frar 2008 fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Alexander Paul Miruzzi) vs David Mifsud" fejn ir-rikorrent gie*

*misjub hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu f`dawk il-proceduri u kkundannat ghal multa ta` hdax-il elf mija u hdax –iul Ewro u hdax –il centezmu (€11,111.11).*

“Is-seba` talba taqra :-

*“Konsegwentement tordna l-liberazzjoni mmedjata tar-rikorrent minn kull imputazzjoni u htija fir-rigwartd tal-akkuzi kif migjuba kontrih filkawza msemmija fit-talba precedenti.*

“Il-Qorti qeghda tittratta dawn it-tliet talbiet partikolari flimkien billi huma kollha relatati mas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali tal-20 ta` Frar 2008 fl-ismijiet “Il-Pulizija (Spettur Alexander Paul Miruzzi) vs David Mifsud”.

“Billi l-Qorti sabet inkonsistenza bejn l-Art 83(3) tal-Kap 406 u l-Art 4 Prot 7 tal-Konvenzjoni, is-sentenza li tissemma fil-hames talba ma jistax ikollha effett billi l-procediment li wassal ghas-sentenza kien inizjat bi ksur tal-Art 4 Prot 7 tal-Konvenzjoni. Ghalhekk qeghda tippronunzja ruhha dwar is-sitta u s-seba` talbiet fl-istess sens.

“**7) <u>It-tmien, id-disa`, l-ghaxar u l-hdax-il talbiet</u>**

“It-talba numru tmienja taqra :-

*“Tiddikjara illi bl-agir taghhom l-intimati jew min minnhom huma responsabbli tal-vjolazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif premess.*

“It-talba numru disgha taqra:-

*“Tiffissa kumpens xieraq dovut lir-rikorrenti ghall-vjolazzjonijiet fuq imsemmija.*

“It-talba numru ghaxra taqra:-

*“Tordna lill-intimati jew min minnhom ihallsu l-kumpens hekk likwidat lir-rikorrenti.*

“It-talba numru hdax taqra:-

*“Taghti kull rimedju, direttiva u kumpens iehor li jidhrilha xieraq u opportun a tenur tal-Artikoli 46 tal-Kostituzzjoni u 13 u 41 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

“Bl-Att XIV tal-2013 saru emendi ghall-Kap 406. Fosthom kien hemm emenda ghall-Art 76 fis-sens illi fejn qabel il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali setghet timponi multa ta` bejn €5 sa €20 kuljum, illum tista` timponi multa ta` €5 ghal kull gurnata. L-intimati jikkontendu li bl-Att XIV tal-2013 kienu mhassra l-multi li kienu mposti fuq ir-rikorrent.

"Din il-fehma tal-intimati mhijiex kondiviza mill-Qorti.

"Id-disposizzjoni rilevanti hija l-**<u>Art 6 tal-Att XIV tal-2013</u>** li jaqra :–

> *"(1) Id-dispozizzjonijiet ta' dan l-artikolu ghandhom japplikaw dwar kull reat kontra l-artikolu 76 tal-Att principali li dwaru fil-jum li jipprecedi ljum li fih jidhlu fis-sehh id-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att, jew ma jkunu ghadhom inbdew ebda procedimenti kriminali jew dawk il-procedimenti jkunu ghadhom pendenti quddiem xi Qorti.*
>
> *"(2) Fejn qabel il-jum li jipprecedi l-jum li fih jidhlu fis-sehh iddispozizzjonijiet ta' dan l-Att, persuna tkun giet kundannata ghall-hlas ta' multa ghal kull jum illi fih ikun jibqa' jsehh xi nuqqas, kull ammont ta' dik il-multa ta' kuljum, kemm jekk konfermat b'sentenza definittiva ta' xi Qorti u kemm jekk le, ghandu jigi komputat mill-gdid bir-rati previsti f'dan l-Att :*
>
> *"Izda meta persuna tkun wehlet il-multa ta' kuljum li ghaliha hemm referenza f'dan is-subartikolu minhabba f'reat kontra l-artikolu 76 tal-Att principali li ma jkunx reat previst fil-paragrafu (c) tal-imsemmi artikolu, dik il- multa ta' kuljum ghandha tithassar :*
>
> *"Izda ukoll xejn f'dan l-artikolu ma ghandu jigi interpretat bhala li jaghti xi dritt lil xi persuna biex titlob ir-rifuzjoni ta' xi multa digà mhallsa.*

"L-Art 76(3) tal-Kap 406 jirreferi ghal meta persuna registrata ma tipprezentax id-denunzja fil-hin stipulat. Kien dak ir-reat illi bih kien akkuzat ir-rikorrent.

"Ghalhekk il-kaz kif prospettat mill-intimati ma jghoddx ghall-kaz tar-rikorrent.

"L-intimati jsostnu li r-rikorrent seta` bbenefika mill-amnestija li kien hareg il-Gvern fil-mizuri tal-Budget tal-2012. Fil-fatt irrizulta li r-rikorrent kien ibbenefika mill-amnestija. Fl-A.L. 456 tal-2011, hemm indikat kif kellhom jonqsu l-multi u l-penali amministrattivi.

"Konformement mas-sejbien ta` vjolazzjoni kif fuq inghad, il-Qorti qeghda tilqa` t-tmien talba fil-konfront tal-intimati kollha.

"Ghar-rigward tad-disa` (9) l-ghaxar (10) u l-hdax (11) –il talbiet, il-Qorti mhijiex tal-fehma li ghandha taghti kumpens jew rimedji ohra oltre lprovvedimenti li tat dwar it-talbiet l-ohra. In partikolari dwar id-disa` (9) talba, il-Qorti tghid illi mhuwiex legittimu l-argument tar-rikorrent li ma kienx possibbli ghalih illi jhallas it-taxxa dovuta. Il-Kap 406 jirregola l-gbir tat-taxxa fuq il-valur mizjud minghand persuni li jkunu registrati mad-Dipartiment tal-VAT li min-naha taghhom ikunu gabru t-taxxa minghand l-konsumatur sabiex ighadduha lill-Gvern. Ghalhekk il-persuna registrata mhijiex tohrog it-taxxa mill-flus taghha."

L-Appell

19. Il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza b'rikors tad-29 ta' Dicembru 2015 li permezz tieghu qed jitolbu li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenzi tad-9 ta' Frar 2012 u tat-30 ta' Jannar 2014 u:

> "… … … tirriforma s-sentenza tal-10 ta' Dicembru 2015 fl-ismijiet premessi billi din l-Onorabbli Qorti thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza [i] fejn l-Ewwel Qorti ddikjarat li kien hemm lezjoni tal-Artikolu 4 tal-Protokoll 7 tal-Konvenzjoni Ewropea; [ii] fejn iddikjarat li l-artikolu 83[3] tal-Kap.406 huwa minghajr effett fil-konfront tal-attur billi nkonsistenti mal-Artikolu 4 tal-Protokoll 7 tal-Konvenzjoni, [iii] fejn sabet li s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati [Malta] bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Frar 2008 kienet bla effett, u [iv] fejn sabet li bl-agir [taghhom] l-atturi huma responsabbli ghal-vjolazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali tal-appellant, u [v] fejn iddikjarat li kull parti ghandha thallas l-ispejjez taghha, filwaqt li tikkonferma l-istess sentenza ghal bqija."

20. B'risposta prezentata fit-28 ta' Jannar 2015 l-attur li, ghar-ragunijiet minnu hemm imfissra, l-appell tal-konvenuti jigi michud fl-interezza tieghu, bl-ispejjez kollha a kariku tal-konvenuti.

21. L-aggravji tal-konvenuti jikkonsistu fil-fatt: [1] illi l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta, fid-decizjoni taghha tad-9 ta' Frar 2012, ikkonkludiet illi l-Prim Ministru huwa l-legittimu kuntradittur; [2] illi fis-sentenza tad-9 ta' Frar 2012, l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta ikkonkludiet li l-appellant kellu l-interess guridiku necessarju sabiex jattakka l-Artikolu 83[3] tal-Kap. 406, in kwantu huwa ammetta l-akkuzi kontrih fiz-zewg proceduri kriminali; [3] illi fis-sentenza taghha tad-9 ta' Frar 2012, l-ewwel Qorti ma kinitx korretta meta cahdet l-eccezzjoni tan-

nuqqas ta' ezawriment tar-rimedju ordinarju; [4] illi fis-sentenza taghha tat-30 ta' Jannar 2014, l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta cahdet l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti tal-karenza tal-interess guridiku tal-attur bazata fuq il-fatt li l-attur kien ibbenefika mill-iskema tal-2012; [5] illi fis-sentenza taghha tal-10 ta' Dicembru 2015, l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta sabet ksur tal-Artikolu 4 tal-Protokoll 7 tal-Konvenzjoni Ewropea; [6] illi r-rimedji moghtija mill-ewwel Qorti ma kinux rimedji gusti.

22. Ghalhekk il-konvenuti qed jitolbu li din il-Qorti:

[a] thassar u tirrevoka s-sentenza in parte tad-9 ta' Frar 2012 fl-ismijiet premessi; [b] thassar u tirrevoka s-sentenza in parte tat-30 ta' Jannar 2014 fl-ismijiet premessi; [c] tirriforma s-sentenza tal-10 ta' Dicembru 2015 fl-ismijiet premessi billi din il-Onorabbli Qorti thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza [i]. fejn l-ewwel Qorti iddikjarat li kien hemm lezjoni tal-Artikolu 4 tal-Protokoll 7 tal-Konvenzjoni Ewropea [ii]. fejn iddikjarat li l-Artikolu 83 [3] tal-Kap. 406 huwa minghajr effett fil-konfront tal-attur billi nkonsistenti mal-Artikolu 4 tal-Protokoll 7 tal-Konvenzjoni [iii]. fejn sabet li s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati [Malta] bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Frar 2008 kienet bla effett; [iv]. fejn sabet li l-agir tal-konvenuti huwa responsabbli ghal-vjolazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali tal-appellant, u [v]. fejn iddikjarat li kull parti ghandha thallas l-ispejjez taghha; filwaqt li tikkonferma din is-sentenza fil-bqija.

23. Minn naha tieghu l-attur, ghar-ragunijiet imressqa minnu fir-risposta tieghu, qed jitlob li l-appell tal-konvenuti jigi michud fl-interezza tieghu, bl-ispejjez kollha a karigu tal-konvenuti.

L-Aggravji

L-Ewwel Aggravju

24. Dan huwa fis-sens illi l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta, fid-decizjoni taghha tad-9 ta' Frar 2012, ikkonkludiet illi l-Prim Ministru huwa l-legittimu kuntradittur.

25. Il-konvenuti jissottomettu illi l-kwistjoni tar-rapprezentanza gudizzjarja tal-Gvern tinsab regolata bl-Artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u li tali dispozizzjoni tapplika minghajr distinzjoni kemm ghal proceduri ordinarji kif ukoll ghal dawk ta' indoli kostituzzjonali. Jissottomettu wkoll illi f'kawza bhal dik odjerna, fejn qed tigi attakkata l-kostituzzjonalita` ta' ligi huwa l-Avukat Generali illi huwa l-legittimu kuntradittur.

26. Da parti tieghu l-attur jaghmel referenza ghall-Artikolu 242 tal-istess kodici u jissottometti illi galadarba huwa qed jattakka

provvediment tal-ligi u parti mir-rimedju mitlub jinvolvi t-thassir ta' dik il-ligi, kienet gusta l-ewwel Qorti illi cahdet l-eccezzjoni. Jaghmel referenza ghal diversi sentenzi ta' din il-Qorti in rigward fosthom **Joseph Abela v. l-Onorevoli Prim Ministru et** deciza fis-7 ta' Dicembru 1990 u **Albert u Mariella Cassar et v. Prim Ministru** deciza fit-22 ta' Frar 2011.

**<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>**

27. L-Artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili fis-sub-inciz (2) tieghu jipprovdi illi:

> "L-Avukat Ġenerali jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern."

28. L-Artikolu 242 tal-istess kodici jipprovdi kif gej:

> "(1) Meta qorti, permezz ta' sentenza li tkun għaddiet f'ġudikat, tiddikjara li xi strument li jkollu l-forza ta' liġi f'Malta jew xi disposizzjoni tiegħu tmur kontra xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew xi dritt tal-bniedem jew libertà fondamentali elenkati fl-Ewwel Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, jew li tkun ultra vires, ir-reġistratur għandu jibgħat kopja tal-imsemmija sentenza lill-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati li għandu meta l-Kamra tiltaqa' għall-ewwel darba wara li jkun irċeva dik is-sentenza jgħarraf lill-Kamra b'dak li jkun irċieva u jqiegħed kopja tas-sentenza fuq il-Mejda tal-Kamra.
>
> "(2) Meta jkun hemm sentenza bħal dik imsemmija fis-subartikolu [1], il-Prim Ministru jista', matul il-perjodu ta' sitt xhur mid-data meta s-sentenza tkun għaddiet f'ġudikat u sakemm ikun meħtieġ fil-fehma tiegħu jneħħi kull inkonsistenza mal-Kostituzzjoni ta' Malta jew mad-dritt jew libertà fundamentali tal-individwu rilevanti stabbiliti fl-Ewwel Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea skont ma jkun ġie dikjarat f'dik is-sentenza, jagħmel regolamenti li jkunu jħassru l-

istrument jew id-dispozizzjoni rilevanti li tkun ġiet dikjarata bħala li tmur kontra l-Kostituzzjoni jew l-Ewwel Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea kif imsemmi fis-subartikolu (1).”

29. Din il-Qorti taghmel referenza fir-rigward ghal gurisprudenza recenti taghha, fosthom ghas-sentenza taghha tat-30 ta’ Ottubru 2015 fl-ismijiet **Emanuel Caruana et v. Il-Prim Ministru et**, fejn din il-Qorti osservat:

“……. din il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Alfred Spiteri et vs Awtorita` dwar it-Trasport ta’ Malta**[12] fejn din il-Qorti indirizzat il-vertenza kemm fid-dawl ta’ dak li jiddisponi l-artikolu fuq citat kif ukoll b’referenza ghal dak li jiddisponi l-Artikolu 242 indikat fis-sentenza attura:

“.......l-Artikolu 181B tal-istess kap, li huwa l-artikolu fil-kodici tal-procedura appozitament maghmul sabiex jirregola r-rapprezentanza tal-gvern fl-atti gudizzjarji. .......... jistipula b’mod car li rrapprezentanza tal-gvern hija vestita fil-kap tad-dipartiment koncernat kif ukoll, f’certu oqsma, fil-persuni indikati fil-proviso tal-istess artikolu, u fil-kazijiet li ma jaqghux taht l-ewwel sub-inciz, allura r-rapprezentanza tal-Gvern hija vestita fl-Avukat Generali. Imkien f’dan l-artikolu ma jissemma’ l-Prim Ministru. Li kieku l-ligi riedet li f’certu kazijiet bhal dawk in dizamina kelllu jitharrek ukoll il-Prim Ministru, kienet tghidu - quod lex voluit lex dixit. Dan il-hsieb jinsab fortifikat bil-principju enuncjat minn din il-Qorti fil-kawza H.Vassallo & Sons Limited v. Avukat Generali moghtija fit-30 ta’ Settembru 2012 li limsemmi Artikolu 181B japplika minghajr distinzjoni kemm ghall-proceduri ordinarji kif ukoll ghal dawk ta’ natura kostituzzjonali.[13]

“Kif osservat minn din il-Qorti fil-kawza **Glenn Bedinfield v. Kummissarju tal-Pulizija** et deciza fil-31 ta’ Lulju 2000:

“....proprju bl-applikazzjoni ta’ dan l-Artikolu tal-Kap. 12 jidher li l-Prim Ministru ma kellux strettament locus standi f’dan il-gudizzju ghax ma kienx ghall-fini specifiku ta’ rapprezentanza gudizzjarja jirraprezenta l-Gvern jew ghall-anqas il-prezenza tieghu ma kienitx mehtiega biex il-gudizzju ikun integru. Dan fis-sens li l-Gvern ikun adegwatament rapprezentat mill-Avukat Generali

---

[12] Deciza 7 Ottubru 2013.

[13] Ara wkoll f’ dan is-sens Q.Kost *Sean Bradshaw et vs Avukat Generali et*, deciza fis-6 Frar 2015.

> f'dawk il-kazijiet l-ohra kollha fejn il-ligi ma tispecifikax mod iehor.
>
> ………. Omissis ……….
>
> "[66.2] Li l-Artikolu 242 fuq citat ma jitkellimx dwar ir-rapprezentanza fl-atti gudizzjarji, izda jaghti biss fakolta' lill-Prim Ministru sabiex, dan fid-diskrezzjoni tieghu, inehhi ligi dikjarata inkonsistenti mal-Kostituzzjoni jew mal-Konvenzjoni. Din il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mill-Ministru attur li, "ir-referenza lejn il-Prim Ministru [fl-Artikolu 242] ma kienitx qeghda ssir bhala r-rapprezentant tal-Gvern fi proceduri gudizzjarji, izda r-referenza hija intiza lilu bhala l-kap tal-fergha legislattiva tal-istat" biex inehhi inkonsistenzi mal-istrumenti legali fuq citati."

30. Ghar-ragunijiet premessi dan l-aggravju huwa fondat u qed jigi milqugh.

*It-Tieni u r-Raba' Aggravju*

31. In vista tal-fatt illi dawn iz-zewg aggravji jittrattaw l-allegat nuqqas ta' interess guridiku tal-attur f'dawn il-proceduri, sejrin jigu trattati flimkien.

32. It-tieni aggravju huwa fis-sens illi fis-sentenza tad-9 ta' Frar 2012, l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta ikkonkludiet li l-appellant kellu l-interess guridiku necessarju sabiex jattakka l-Artikolu 83[3] tal-Kap. 406, in kwantu huwa kien ammetta l-akkuzi kontrih fiz-zewg proceduri kriminali. Skont l-konvenuti dan huwa indikazzjoni illi ma kien hemm xejn fil-procedimenti li l-attur kien qed jara bhala irregolari.

33. L-attur iwiegeb billi jissottometti *inter alia* illi l-ilment tal-konvenuti mhux marbut mal-elementi tar-reat u ghalhekk ma kien hemm ebda skop ghal kontestazzjoni fil-mertu. Jghid illi hadd ma jista' jirrinunzja ghad-dritt tieghu li ma jigix ipprocessat darbtejn ghall-istess reat, tant hu hekk li r-regola tan-*ne bis in idem* hija wahda ta' ordni pubbliku u ma tistax tigi rinunzjata. Jekk hu hallasx il-multi jew le, jew jekk inhafrulux *in toto* jew *in parte,* huwa rrelevanti in kwantu jghid li xejn ma jista' jhassar il-fatt li hu gie pprocessat iktar minn darba bi ksur tal-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni.

34. Ir-raba' aggravju huwa fis-sens illi fis-sentenza taghha tat-30 ta' Jannar 2014, l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta cahdet l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti tal-karenza tal-interess guridiku tal-attur ibbazata fuq il-fatt li hu kien ibbenefika mill-iskema mahruga mill-Gvern fis-sena 2012.

35. Il-konvenuti jissottomettu illi mill-provi jirrizulta illi bit-thaddim tal-iskema prevista mill-Avviz Legali 112 tal-2012, dak li qed jigi mitlub fil-proceduri odjerni diga` gie miksub minnu. Jghidu illi, ghalkemm skont ir-Regolament 4[e] tal-Avviz Legali 112 tal-2012 kull min jibbenefika taht l-istess skema kellu l-obbligu li jirtira kull appell pendenti quddiem il-Bord tal-Appelli, it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva jew il-Qorti tal-Appell, dak li kellu f'mohhu l-Legislatur huwa li tali persuni jirrinunzjaw ghal kull

tip ta' azzjoni kontra d-Dipartiment fejn ikunu qed jitolbu t-thassir totali tal-istess multa.

36. Il-konvenuti jissottomettu illi s-sentenza li minnha qed jilmenta l-attur ma tistax tigi ezegwita galadarba l-istess attur hallas l-ammont abbazi tal-iskema, ghalhekk ma jista' jikseb ebda rizultat vantagguz minn din l-iskema u b'hekk l-interess guridiku tieghu huwa karenti.

37. L-attur iwiegeb ghal dan l-aggravju inter alia billi jissottometti li *ubi lex voluit dixit*, u ghalhekk jekk il-legislatur ma semmiex proceduri kostituzzjonali fost il-proceduri li kellhom jigu irtirati minn min jibbenefika taht l-iskema, allura jfisser li ma ghandhomx ikunu inkluzi. Jghid li huwa evidenti illi dan japplika ghal min ikun qieghed jappella ghaliex ma jkunx qed jaqbel mat-taxxa, izda fil-kaz odjern, l-attur ma huwiex qed jghid li t-taxxa ma hijiex dovuta jew li kien hemm kalkolu hazin, izda qed isostni illi bl-istat ta' ligi kif inhu, huwa qieghed isofri lezjoni fid-drittijiet fundamentali tieghu.

38. Jghid ukoll illi meta d-Dipartiment offrielu li jhallas ammont inferjuri biex il-penali amministrattivi jigu saldati, dan ma kienx qed jirreferi ghall-multi li kienu gew imposti fuq l-attur mill-qrati kriminali, u allura aktar u aktar kien hemm interess guridiku biex jipprosegwi bil-kawza odjerna. Ikompli jghid illi wiehed jista' jitlef l-istatus tieghu bhala

vittma ta' ksur ta' dritt fundamentali jekk l-awtoritajiet jaccettaw li sehh ksur tar-regola tan-*ne bis in idem*, altrimenti jibqa' jikkwalifika bhala vittma in kwantu l-vjolazzjoni ma tkunx giet rikonoxxuta u ghalhekk ma tkunx setghet tigi radrizzata.

39. Jghid li l-iskema li ibbenefika minnha taffettwa biss il-*quantum* tal-penali, mentri l-lanjanza odjerna tolqot lezjoni kostituzzjonali u konvenzjonali meta jigu istitwiti fil-konfront tieghu proceduri penali multiplici bi ksur tal-principju ta' *ne bis in idem*. Jekk sehhet vjolazzjoni dik il-vjolazzjoni ma tistax tigi kancellata bil-fatt li l-attur ibbenefika mill-iskema. Huwa xorta ghad ghandu interess guridiku in kwantu b'din il-kawza huwa jista' jikseb rizultat utili ghalih bhal ma kiseb permezz tas-sentenza appellata li laqghet it-talba tieghu ghat-thassir tas-sentenza tal-20 ta' Frar 2008 u l-konsegwenzjali thassir tal-multa ta' €11,111.11 imposta b'dik is-sentenza.

**<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>**

40. L-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni li jipprovdi:

> "1. Ħadd ma jista' jkun ipproccessat jew jerga' jigi kkastigat għal darb'oħra fi procedimenti kriminali taħt il-gurisdizzjoni tal-Istess Stat għal xi reat li dwaru jkun diga` gie finalment liberat jew misjub ħati skont il-ligi u l-procedura penali ta' dak l-Istat.
>
> "2. Id-dispozizzjonijiet tal-paragrafu precedenti ma għandhomx iżommu milli l-każ jerga' jinfetaħ skont il-ligi u l-procedura penali tal-Istat in kwistjoni, jekk ikun hemm provi ta' xi fatti godda jew li jkunu għadhom

> kif gew żvelati, jew inkella jekk ikun ħemm xi vizzju fondamentali fil-procedimenti ta' qabel, li jista' jkollhom effett fuq kif jiżvolgi l-każ.
>
> "3. Ebda deroga minn dan l-artikolu ma għandha ssir taħt l-artikolu 15 tal-Konvenzjoni."

41. L-importanza tad-dritt fundamentali protett b'dan l-artikolu temergi b'mod partikolari mill-fatt illi dan l-artikolu ma huwiex derogabbli bhal ma huma artikoli ohra fl-istess Konvenzjoni. Jinghad ghalhekk illi dan id-dritt fundamentali jinsab minn quddiem fil-gerarkija ta' drittijiet protetti taht l-istess Konvenzjoni.

42. In tema legali, ssir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Gustizzja **Gözütok u Brügge**[14] li fiha l-Qorti interpretat il-principju ta' *ne bis in idem* fil-kuntest tal-Konvenzjoni li timplimenta l-ftehim ta' Schengen, u iddecidiet bil-mod segwenti f'kaz fejn kien intlahaq ftehim bejn l-akkuzat u l-prosekutur minghajr ma gew istitwiti proceduri gudizzjarji:

> "48. In the light of the foregoing considerations, the answer to the questions must be that the ne bis in idem principle laid down in Article 54 of the CISA also applies to procedures whereby further prosecution is barred, such as the procedures at issue in the main actions, by which the Public Prosecutor in a Member State discontinues, without the involvement of a court, a prosecution brought in that State once the accused has fulfilled certain obligations and, in particular, has paid a certain sum of money determined by the Public Prosecutor."

43. Il-bran su-citat jindika r-riluttanza da parti tal-Qrati Ewropej illi joholqu eccezzjonijiet ghall-applikazzjoni tal-principju ta' *ne bis in idem*.

---
[14] Joined Cases C-187/01 and C-385/01 Hüseyin Gözütok and Klaus Brügge 11 ta' Frar 2003.

44. Dwar l-interess guridiku illi ghandu jissussisti waqt proceduri ta' natural kostituzzjonali, issir referenza ghas-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet **Conrad Axisa v. Avukat Ġenerali et** deciza fis-7 ta' Awissu 2013 , fejn din il-Qorti osservat:-:

> "23. Kif ġia` ġie determinat minn din il-Qorti diversament preseduta[15] fi kawżi li fihom jiġi allegat xi ksur ta' dritt fundamentali taħt il-Kostituzzjoni r-rikorrent jeħtieġlu juri li għandu "interess personali b'appoġġ għall-azzjoni tagħha". Dan mhux biss hu dettat mill-prinċipji ġenerali tad-Dritt iżda tesiġih il-Kostituzzjoni stess a contrariu sensu ta' dak previst fl-Artikolu 116 tagħha fejn l-eżenzjoni mill-ħtieġa li persuna turi interess personali b'appoġġ għall-azzjoni tagħha hi espressament ristretta għal azzjonijiet għal dikjarazzjoni li liġi tkun invalida għal raġunijiet mhux ta' inkonsistenza mal-Artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni u l-azzjonijiet tal-aħħar tip huma espressament eċċettwati minn din l-eżenzjoni. Dan hu wkoll konformi mal-Artikolu 46[1] tal-Kostituzzjoni li jirregola t-twettiq tad-dispozizzjonijiet protettivi tad-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-individwu taħt il-Kostituzzjoni u jipprovdi li rimedju taħt l-istess Artikolu jista' jintalab meta persuna tallega li xi waħda mid-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni "tkun ġiet, tkun qed tiġi jew tkun x'aktarx ser tiġi miksura dwarha" [sottolinear tal-Qorti].
>
> "24. In kwantu għal allegazzjonijiet ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tal-individwu sanċiti mill-Konvenzjoni taħt il-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta is-sitwazzjoni hi legalment indentika mhux biss skont il-prinċipji ġenerali tad-Dritt li huma applikabbli għal kull azzjoni taħt xi liġi ordinarja bħal ma huwa l-Kap. 319 iżda wkoll in vista ta' dak previst fl-Artikolu 4[1] tal-istess Kap. li wkoll jipprovdi fil-parti relevanti tiegħu li rimedju taħt l-istess Artikolu jista' jintalab meta persuna tallega xi wieħed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali "jkun ġie, ikun qed jiġi jew ikun x'aktarx ser jiġi miksur dwarha".

45. Din il-Qorti hija tal-fehma illi la ammissjoni tal-attur u lanqas il-fatt li hu ibbenefika mill-iskema tal-2012 ma jimpingu fuq l-interess guridiku

[15] Ara Q. Kost. **H. Vassallo & Sons Limited v. Avukat Ġenerali et** #22.

tieghu fil-proceduri odjerni. L-ammissjoni tieghu kellha piz limitatament ghall-ezitu tal-proceduri kriminali mressqa kontrih, liema ezitu ma jbiddel xejn mill-fatt illi huwa ghandu d-dritt fundamentali illi ma jigix ipprocessat u ikkastigat darbtejn ghall-istess reat.

46. Lanqas il-fatt illi r-rikorrent ghazel li ma jaghmilx referenza kostituzzjonali [jew ahjar illi jitlob lill-Qorti sabiex tirreferi] ma jnaqqaslu mill-interess guridiku f'dawn il-proceduri ghax, kif jinsab assodat, it-tqanqil ta' kwistjoni kostituzzjonali hija fakultattiva u ghalkemm ma tkunx saret talba ghal riferenza matul il-proceduri, dik il-parti ma titlifx l-interess guridiku illi tirrikorri hi direttament ghal rimedju kostituzzjonali.[16]

47. Il-Qorti lanqas ma taqbel li r-rizultat persegwit mill-attur f'dawn il-proceduri gie milhuq meta ibbenefika mill-iskema tal-2012. Fi kliem il-konvenuti stess, 'il-punt tat-tluq huwa li jigi ezaminat dak li qed jillamenta minnu r-rikorrenti permezz tal-kawza odjerna'. Dak li sehh meta giet applikata l-iskema [17] hu li gie ridott il-*quantum* ta' multi amministrattivi u l-imghaxijiet pagabbli mill-attur[18], izda dikjarazzjoni ta' lezjoni ta' dritt fundamentali, bil-konsegwenti rimedji illi din tista' ggib maghha, tista' tinghata biss minn qorti ta' kompetenza kostituzzjonali. B'zieda ma' dan hemm il-fatt illi, kif jemergi mis-sentenza tal-ewwel

---

[16] Ara. PA Anthony P. Farrugia v. L-Onorevoli Prim Ministru et deciza 17 ta' Novembru 2006 u citata mill-ewwel Qorti.
[17] Indipendentement jekk hallasx under protest jew le, ghaliex huwa irrelevanti ghall-kaz odjern.
[18] Vide xhieda ta' Connie Azzopardi a fol 190 et seq.

Qorti stess, l-attur ghandu interess personali qawwi fl-ezitu tal-proceduri odjerni, in kwantu f'kaz favorevoli ghalih, dawn jistghu jissarrfu mhux biss f'dikjarazzjoni ta' lezjoni u possibbli danni morali, izda wkoll ghat-thassir tas-sentenza tal-20 ta' Frar 2008 li permezz taghha gie ikkundannat ihallas multa ta' €11,111.11.

48. Din il-Qorti taccetta bhala validi s-sottomissjonijiet maghmula mill-attur fir-rigward tal-kundizzjoni imposta permezz tar-Regolament 4[e] tal-Avviz Legali 112 tal-2012. Ir-regolamenti espressament jistipulaw li, sabiex wiehed jikkwalifika ghall-beneficcju taht l-avviz legali, ghandu jigi rtirat "kull appell pendenti quddiem il-Bord tal-Appelli, it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva jew il-Qorti tal-Appell" - proceduri dawn li jolqtu l-quantum pagabbli u dan tenut kont tal-fatt li abbazi tal-istess skema kien se jithallas ammont konsiderevolment inqas minn dak li kien mitlub minnu.

49. L-istess ma jistax jinghad ghal proceduri kostituzzjonali, bhal dawk odjerni, fejn qed jigi allegat illi l-attur gie ipprocessat darbtejn ghall-istess reat. Bl-ebda analogija ma jista' jinghad illi dawn il-proceduri kostituzzjonali gew b'xi mod sorvolati bil-fatt li l-attur ibbenefika mill-iskema, u ghalhekk l-interess guridiku tieghu fl-ezitu tal-proceduri de quo mhux biss huwa wiehed reali u attwali izda, in kwantu jiskaturixxi minn vjolazzjoni ta' dritt fundamentali tal-attur, huwa wkoll

personali.

50. Ghaldaqstant, it-tieni u r-raba' aggravji tal-konvenuti qed jigu respinti.

It-tielet aggravju

51. F'dan l-aggravju l-konvenuti jilmentaw mill-fatt illi fis-sentenza taghha tad-9 ta' Frar 2012, l-ewwel Qorti ma kenitx korretta meta cahdet l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' ezawriment tar-rimedju ordinarju. Jghidu li r-rimedju li qed ifittex l-attur, li huwa t-thassir tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, seta' facilment jottjenih billi jikkontesta l-proceduri kriminali u f'kaz li tali kontestazzjoni ma twassalx ghal-liberatorja, seta' jappella mis-sejbien ta' htija, izda hu ghazel li jammetti l-akkuzi migjuba kontrih u jieqaf hemm. Huma jiccitaw il-kaz **Gafa' Safeways Limited et v. Avukat Generali et** fit-30 ta' Ottubru 2015, fejn din il-Qorti osservat inter alia li l-iskop ta' kawzi kostituzzjonali ma huwiex dak illi jiehdu post il-kawzi ordinarji, li kellhom u setghu jigu prospettati primarjament.

52. Jghidu li hawnhekk mhux talli l-attur ma ikkontestax il-proceduri kriminali istitwiti kontra tieghu, mhux talli ma ressaq ebda lanjanza kostituzzjonali in via ta' referenza fl-istess proceduri kriminali, mhux talli ammetta t-talbiet attrici u mhux talli ma wzax id-dritt ta' appell, imma

ghal sentejn shah ma illanja bl-ebda mod li hu kien vittma ta' xi vjolazzjoni ta' dritt fundamentali.

53. L-attur iwiegeb ghal dan l-aggravju billi inter alia jissottometti fl-ewwel lok li d-diskrezzjoni ta' Qorti tal-Ewwel Grad ma hijiex sindakabbli minn Qorti tat-tieni grad, specjalment fejn dik id-diskrezzjoni tigi ezercitata favur l-ezercizzju tal-gurisdizzjoni kostituzzjonali.

54. Fil-mertu tal-aggravju jissottometti inter alia illi biex rimedju ordinarju jigi meqjus bhala wiehed effettiv irid jipprovdi almenu l-isperanza li dak ir-rimedju jkollu ezitu favorevoli. Jikkwota is-sentenza **Mediterranean Film Studios Limited v. Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta et** u jissottometti illi fil-kaz odjern una volta li l-ligi kienet tikkontempla li l-fatti kif stabbiliti jikkostitwixxu r-reat, certament li ebda appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ma seta' jwassal ghat-thassir ta' dik is-sentenza. Il-qrati ordinarji ma ghandhomx xelta ohra hlief li japplikaw il-ligi kif inhi u jkun inutili li wiehed jipprova juza l-mezz tal-appell biex jikkonvinci lill-Qorti tal-Appell ma tapplikax ligi li ebda Qorti ta' natura kostituzzjonali ma tkunx ghadha iddikjarat leziva. Jghid ukoll li fis-sentejn li dam biex fetah il-proceduri huwa ipprova jottjeni rimedju anke bil-mezz ta' talba ghal mahfra presidenzjali u kien meta din giet rifjutata u giet rifjutata wkoll it-talba maghmula taht l-Artikolu 76 tal-Kap.

406,[19] li huwa eventwalment fetah dawn il-proceduri. Jghid ukoll li referenza kostituzzjonali hi fi kwalunkwe kaz rimedju straordinarju u huwa l-istess rimedju li qed ifittex b'din il-kawza.

## Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

55. Huwa assodat fil-gurisprudenza kemm lokali kif ukoll Ewropea, li biex il-Qorti tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha jehtieg li l-ligi ordinarja taghti rimedju prattiku, accessibbli, effettiv, adegwat u shih ghal-lanjanza tal-atturi. M'huwiex necessarju success garantit, basta li r-rikorrent ikollu l-opportunita` fil-ligi ordinarja li jakkwista tali rimedju bl-applikazzjoni ta' dik il-ligi [vide fost ohrajn Q.Kos. **Olena Tretyak v. Direttur tac-Cittadinanza u Expatriates Affairs**, deciza fis-16 Jannar 2006 u iktar recenti Q. Kos. **Rea Ceramics Limited [C 23288] v. Kunsill Malti ghall-Isport u l-Avukat Generali ghan-nom tar-Repubblika ta' Malta ghal kull interess li jista' jkollha**,

---

[19]Dan l-artikolu fil-parti relevanti tieghu jaqra hekk: *" izda persuna li taghmel ir-reat tista', sa zmien tletin gurnata mid-data tad-decizjoni finali, taghmel rikors lill-Qorti li sabitha hatja, u titlob mahfra shiha jew parzjali tal-penali imposta that dan l-artiklu. Il-Qorti tista' tikkoncedi mahfra shiha jew parzjali ta' din il-penali kemm il-darba l-prosekuzzjoni, bi qbil bil-miktub mal-Kummissarju li ghandu jkun maghmul ma' kull risposta ghal tali rimkors taqbel ma'dan ir-rikors. Kull rikors bhal dan ghandu jigi notifikat lill-prosekuzzjoni li ghandha tirrispondi fi zmien hmistax-il gurnata xoghol meta tigi notifikata".*

Ghat talba maghmula mill-attur b'rikors [fol.15] prezentat fl-24 ta' Marzu 2008 a tenur tal-Artikolu 76, il-Kummissarju wiegeb b' risposta datata 1 ta' April 2008 fejn, wara li rrefera ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-20 ta' Frar 2008, iddikjara hekk il-pozizzjoni tieghu: *"Peress li s-sur Mifsud illum il-gurnata ottempera ruhu, ghalkemm ma' forna ebda raguni partikolari, dan l-ufficju hu tal-fehema li gja la darba hallas il-pendenzi kollha li kellu, l-ghan ewlieni intlahaq u abbazi t' hekk ma jsib ebda oggezzjoni kieku t-alba tas-sur Mifsud kellha tigi milqugha". [fol. 20]*

deciza fit-18 ta' Lulju 2014].

56. Id-diskrezzjoni li ghandha l-Qorti f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja sabiex, min-naha wahda l-qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jkunux rinfaccjati b'kawzi li messhom jew setghu tressqu quddiem qrati ohrajn kompetenti jew li dwarhom kienu jezistu rimedji ohrajn effettivi u, minn naha l-ohra, sabiex persuna ma tkunx imcahhda mir-rimedji li ghandha taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni. Meta s-sistema ordinarja tipprovdi rimedju tajjeb u effettiv, qorti ta' kompetenza kostituzzjonali ghandha d-diskrezzjoni li tiddeciedi li ma tezercitax is-setghat taghha kostituzzjonali jekk ikun hekk desiderabbli. Dan ghaliex, bhala regola, ma jistax jinghad a priori li l-istat ikun kiser il-jeddijiet fundamentali tac-cittadin, meta c-cittadin ikun provdut u jkun hemm disponibbli ghalih rimedji ordinarji li permezz taghhom il-lanjanzi tieghu jkunu jistghu jigu effettivament u adegwatament indirizzati [vide fost ohrajn Q. Kos. **Stacey Spiteri u Samir Fathy Gayed Eskander v. Direttur tar-Registru Pubbliku** deciza fis-27 ta' April 2012].

57. Filwaqt illi huwa minnu illi kemm il-gurisprudenza nostrana kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea spiss accennaw ghall-fatt illi din ir-regola tal-ezawriment tar-rimedju ordinarju ma hijiex assoluta u ghandha tigi applikata b'certu flessibilita` fil-kuntest ta' drittijiet fundamentali, jibqa' l-

fatt illi kull kaz ghandu jigi mistharreg skont ic-cirkostanzi partikolari tieghu:

> "The rationale for the exhaustion rule is to afford the national authorities, primarily the courts, the opportunity to prevent or put right the alleged violations of the Convention. It is based on the assumption, reflected in Article 13, that the domestic legal order will provide an effective remedy for violations of Convention rights. This is an important aspect of the subsidiary nature of the Convention machinery [Selmouni v. France [GC], § 74; Kudła v. Poland [GC], § 152; Andrášik and Others v. Slovakia [dec.]]. It applies regardless of whether the provisions of the Convention have been incorporated into national law [Eberhard and M. v. Slovenia]. The Court recently reiterated that the rule of exhaustion of domestic remedies is an indispensable part of the functioning of the protection system under the Convention and that this is a basic principle [Demopoulos and Others v. Turkey [dec.] [GC], §§ 69 and 97]."[20]

58. Gie ritenut ukoll dwar l-istess regola:

> "The exhaustion rule may be described as one that is golden rather than cast in stone. The Commission and the Court have frequently underlined the need to apply the rule with some degree of flexibility and without excessive formalism, given the context of protecting human rights [Ringeisen v. Austria, § 89; Lehtinen v. Finland [dec.]]. The rule of exhaustion is neither absolute nor capable of being applied automatically [Kozacıoğlu v. Turkey [GC], § 40]. For example, the Court decided that it would be unduly formalistic to require the applicants to avail themselves of a remedy which even the highest court of the country had not obliged them to use [D.H. and Others v. the Czech Republic [GC], §§ 116-18]. ...omissis... However, making use of the available remedies in accordance with domestic procedure and complying with the formalities laid down in national law are especially important where considerations of legal clarity and certainty are at stake. [Saghinadze and Others v. Georgia, §§ 83-84]."[21]

---

[20] Council of Europe/European Court of Human Rights 2014, Practical Guide on Admissibility Criteria, Pg 22 §63.
[21] Ibid Pg 23 §64.

59. Jispetta ghalhekk lill-qorti b'kompetenza kostituzzjonali illi, fid-diskrezzjoni taghha u skont ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, tiddeciedi jekk ikunx fl-ahjar interess tal-gustizzja illi tastjeni milli tezercita l-gudizzju taghha in kwantu kienu jezistu rimedji ordinarji effettivi ghal-lanjanza tal-attur, jew inkella, tkomplix tisma' l-kaz u tiddeterminah.

60. Il-principji li din il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni fid-determinazzjoni taghha ta' dan l-aggravju gew illustrati b'mod car u konciz fis-sentenza PA [Kompetenza Kostituzzjonali] datata 15 ta' April 2014 fil-kawza **Lawrence Grech et v. it-Tabib Principali tal-Gvern [Sahha Pubblika] et**[22], fejn inghad:

> "Illi f'ghadd ta' sentenzi moghtijin f'dawn l-ahhar snin mill-Qorti Kostituzzjonali, gew stabiliti principji li ghandhom jigu segwiti minn Qorti biex tqis jekk huwiex minnu li r-rikorrent kellu ghad-dispozizzjoni tieghu rimedju alternativ effettiv. Fost dawn il-principji wiehed isib li [a] meta jidher car li jezistu mezzi ordinarji disponibbli ghar-rikorrent biex jikseb rimedju ghall-ilment tieghu, ir-rikorrent ghandu jirrikorri ghal tali mezzi qabel ma jirrikorri ghar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li ghandu jintuza r-rimedju kostituzzjonali ; [b] li d-diskrezzjoni li tuza l-Qorti biex tqis jekk ghandhiex twettaq is-setghat taghha li tisma' kawza ta' natura kostituzzjonali ghandha torbot, sakemm ma tingiebx xi raguni serja u gravi ta' illegalita`, ingustizzja jew zball manifest fl-uzu taghha ; [c] m'hemm l-ebda kriterju stabbilit minn qabel dwar l-uzu tal-imsemmija diskrezzjoni, billi kull kaz jehtieg jigi mistharreg fuq ic-cirkostanzi tieghu ; [d] in-nuqqas wahdu ta' tehid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent m'huwiex raguni bizzejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali taqtaghha li ma tuzax is-setghat taghha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kinux tajbin biex jaghtu rimedju shih lir-rikorrent ghall-ilment tieghu ; [e] in-nuqqas ta' tehid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk sata' kien ghal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent – minhabba l-imgiba ta' haddiehor m'ghandux ikun raguni biex il-Qorti twarrab is-setghat taghha li tisma' l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent ; [f] l-ezercizzju minn Qorti [tal-ewwel

[22] Deciza finalment minn din il-Qorti fid-29 ta' Mejju 2015.

> grad] tad-diskrezzjoni taghha bla ma tistharreg il-materja necessarja li fuqha tali diskrezzjoni ghandha titwettaq, jaghti lil Qorti tat-tieni grad is-setgha li twarrab dik id-diskrezzjoni u [g] meta r-rimedju jaqa' fil-kompetenza ta' organu iehor jew meta s-smigh tal-ilment tar-rikorrent se' jwassal biex l-indagni gudizzjarja u l-process l-iehor tas-smigh tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta' xulxin, il-Qorti kostituzzjonali ghandha ttendi lejn ir-rifjut li tuza s-setghat taghha kostituzzjonali, sakemm l-indagni gudizzjarja tal-kaz ma tkunx, min-natura taghha, ixxaqleb izjed lejn kwestjoni kostituzzjonali."

61. Din il-Qorti qieset il-konsiderazzjonijiet kollha hawn fuq riportati, kif ukoll is-sottomissjoni korretta tal-attur illi fil-proceduri kriminali kontrih il-Qorti kienet qeghda tapplika artikolu tal-ligi validu, u ghalhekk rimedju effettiv ma setax hlief jinghata minn qorti b'kompetenza kostituzzjonali li, fil-kaz li ssib li l-applikazzjoni ta' ligi hija vjolattiva ta' dritt fundamentali tieghu, ghandha s-setgha li tiddikjara li fil-konfront tieghu dik il-ligi tigi meqjusa bla effett sa fejn tkun inkonsistenti. Il-Qorti zzid li hija qajla tirrevedi d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti f'dan ir-rigward meta dik id-diskrezzjoni tkun giet ezercitata favur l-ezercizzju tal-kompetenza kostituzzjonali.

62. Kif osservat din il-Qorti fil-kawza **John Bugeja v. Rev. Alfred Calleja**, deciza fil-11 Novembru 2011:

> "Meta l-art. 6 tal-Kostituzzjoni jġħid illi jekk xi liġi oħra tkun inkonsistenti mal-Kostituzzjoni, il-Kostituzzjoni għandha tipprevali u l-liġi l-oħra għandha, safejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett, u meta l-art. 3 (2) tal-Kap. 319 jgħid illi l-liġi ordinarja għandha, sa fejn tkun inkonsistenti mal-Konvenzjoni Ewropea, ukoll tkun bla effett, dan ifisser illi dik il-liġi inkonsistenti għandha tkun bla effett għall-għanijiet tal-kawża li fiha dik l-inkonsistenza tkun dikjarata iżda tibqa' fis-seħħ għal għanijiet oħra sakemm ma tiġix imħassra b'liġi oħra jew taħt l-art. 242(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili."

63. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex fondat u qed jigi respint.

Il-hames aggravju

64. F’dan l-aggravju l-konvenuti jilmentaw illi fis-sentenza taghha tal-10 ta’ Dicembru 2015, l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta f’dan il-kaz sabet ksur tal-Artikolu 4 tal-Protokoll 7 tal-Konvenzjoni Ewropea. Jissottomettu inter alia illi dan l-artikolu jipprovdi tliet garanziji differenti minn xulxin u “cioe` li ebda persuna ma ghandha [a] tkun suggetta li titressaq [b] titressaq, jew [c] tinsab hatja aktar minn darba tal-istess offiza”. Il-fatt wahdu li xi drabi jkun hemm duplikazzjoni ta’ procedimenti – l-aspett tal-“bis” – m’ghandux ikun il-kejl wahdieni li bih jitqies jekk ikunx hemm tassew ksur tar-regola taht dan l-artikolu. Il-kwistjoni li tibqa’ hi dwar jekk dak il-’bis’ huwiex dwar l-istess reat – l-“idem”.

65. Jghidu li fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea filwaqt li xi drabi nsibu li din imxiet bil-kejl tal-“stess ghemil”, drabi ohra tqabbel mal-kuncett tal-konkors idejali fejn l-istess ghemil jista’ jnissel azzjonijiet differenti. Jikkwotaw kazistika Ewropea fosthom **Zolotukhin v. Russia**, fejn il-Qorti Ewropea osservat illi “*Article 4 of Protocol No 7 must be understood as prohibiting the prosecution or trial of a second offence in so far as it arises from identical facts or facts which are substantially the same.*” Jaghmlu referenza ghas-sentenza Ewropea **Ponsetti Chesnel**

**v. France** deciza fl-14 ta' Setembru 1999 u **Iskansen v. Norway** deciza fit-2 ta' Ottubru 2003.

66. Jghidu li hemm distinzjoni netta bejn il-penali amministrattivi u l-imghax dovut, u l-multi li jigu imposti mill-qrati kriminali fuq sejba ta' htija skont il-Kap. 406. In-nuqqas tal-attur li jhallas il-multa ma kienx riferibbli ghad-dispozizzjonijiet ta' xi ligi izda ghal sentenza tal-Qorti. Is-sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati [Malta] moghtija fl-2005 u l-2008 ma jirreferux ghan-nuqqas tar-rikorrenti li jissottomettu returns izda jirreferu ghal-perjodi differenti ta' inottemperanza mas-sentenza tal-2002. Ghalhekk jghidu li l-element tal- 'idem' huwa karenti. B'differenza ghall-kawza **Lucky Dev v. Sweden**, fejn kien hemm zewg proceduri paralleli, fil-kawza odjerna ma kienx hemm proceduri paralleli izda sentenza tal-Qorti li maghha ma ottemporax ruhu l-attur. Jghidu wkoll li b'differenza mill-kaz **Angelo Zahra v. L-Onorevoli Prim Ministru et**, fejn kienet qed tigi ikkontestata l-impozizzjoni ta' pieni kriminali flimkien ma' taxxa addizzjonali, fil-kaz de quo l-attur jilmenta mill-fatt li tressaq aktar minn darba ghall-istess fatt. Jghidu l-attur illi qatt ma tressaq darbtejn ghall-istess fatt izda r-reat li bih gie akkuzat kien irreferi ghan-nuqqas ta' ottempranza ma' ordni tal-qrati kriminali relattivament ghal perjodi differenti.

67. L-attur iwiegeb inter alia billi jghid li huwa car illi hu gie pprocessat

aktar minn darba ghall-istess fatt u li ma hemm ebda dubju li l-multi amministrattivi kienu wkoll ta' natura penali stante li kienu multi f'ammonti sostanzjali u li kienu jservu ta' deterrent. Jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti ta' **Strasburgu Osterlund v. Finland** fejn il-Qorti sabet illi proceduri fiskali kienu jammontaw ghal proceduri ta' natura penali u l-fatt li kien hemm proceduri penali ohra dwar l-istess nuqqas gab sitwazzjoni fejn inkiser il-principju ta' *ne bis in idem.* Ghalhekk hija kompletament bla bazi l-allegazzjoni tal-konvenuti li hemm xi distinzjoni netta bejn il-penali hekk imsejha amministrattiva ai termini tal-Kap. 406 u l-multi imposti mill-Qorti tal-Magistrati. Jghid li galadarba hu kien gia` gie immultat mill-fisku jfisser li kien diga` inkorra piena li tekwivali ghal wahda ta' natura penali u ghalhekk kull procedura penali ulterjuri kienet wahda kontra l-ligi u kontra l-principju fuq indikat. In sostenn tas-sottomissjoni tieghu l-attur jikkwota l-kaz **Angelo Zahra v. l-Onorevoli Prim Ministru et** citat ukoll mill-ewwel Qorti.

**<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>**

68. In tema legali jinghad li f'kaz recenti **Grande Stevens v. Italy**, il-Qorti Ewropea ghamlet is-segwenti enuncjazzjonijiet dwar dan id-dritt fundamentali:

> "220. The guarantee enshrined in Article 4 of Protocol No. 7 becomes relevant on commencement of a new prosecution, where a prior acquittal or conviction has already acquired the force of res

judicata. …….

“221. The Court’s inquiry should therefore focus on those facts which constitute a set of concrete factual circumstances involving the same defendant and inextricably linked together in time and space, the existence of which must be demonstrated in order to secure a conviction or institute criminal proceedings [see Sergey Zolotukhin, cited above, § 84]…….

“223. …… the new set of criminal proceedings which had been brought against them in the meantime [see paragraphs 39-40 above] were not closed and resulted in judgments being delivered at first and second instance.

“224. It remains to be ascertained whether those new proceedings were based on facts which were substantially the same as those which had been the subject of the final conviction. In this regard, the Court notes that, contrary to what the Government seems to be asserting [see paragraph 217 above], it follows from the principles set out in the case of Sergey Zolotukhin, cited above, that the question to be answered is not whether or not the elements of the offences set out in Articles 187 and 185 § 1 of Legislative Decree No. 58 of 1998 are identical, but whether the offences with which the applicants were charged before the CONSOB and before the criminal courts concerned the same conduct.[sottolinear ta’ din il-Qorti]

………. Omissis ……….

“229. Moreover, in so far as the Government submit that European Union law has explicitly authorised the use of a double penalty [administrative and criminal] in the context of combatting unlawful conduct on the financial markets [see paragraph 216 above], the Court, while specifying that its task is not to interpret the case-law of the ECJ, notes that in its judgment of 23 December 2009 in the case of Spector Photo Group, the ECJ indicated that Article 14 of Directive no. 2003/6 does not oblige the Member States to provide for criminal sanctions against authors of insider dealing, but merely states that those States are required to ensure that administrative sanctions are imposed against the persons responsible where there has been a failure to comply with the provisions adopted in implementation of that directive. It also drew the States’ attention to the fact that such administrative sanctions may, for the purposes of the application of the Convention, be qualified as criminal sanctions [see paragraph 61 above]. Further, in its Åklagaren v. Hans Åkerberg Fransson judgment, on the subject of value-added tax, the ECJ stated that, under the ne bis in idem principle, a State can only impose a double penalty [fiscal and criminal] in respect of the same facts if the first penalty is not criminal in nature”...[23][sottolinear ta’ din il-Qorti]

[23] Applic No 18640/10; **Grande Stevens v. Italy**, 7 ta’ Lulju 2014.

69. Jinsab assodat illi l-Konvenzjoni tipprevedi illi hadd ma jista' jigi ipprocessat jew ikkastigat ghal darbtejn fi proceduri kriminali taht il-gurisdizzjoni tal-istess stat ghal reat li dwaru jkun diga` gie processat jew ikkastigat.

70. Minn qari tas-sentenzi[24] tal-Qorti tal-Magistrati din il-Qorti tinnota illi fl-ewwel procediment kriminali kontrih l-attur kien akkuzat illi naqas milli jissottometti d-denunzji ghal perjodi ta' Ottubru 1999, Jannar 2000, April 2000 u Lulju 2000, u dan bi ksur tal-Artikoli 27[1] u 76[c] tal-Att Nru XXIII tal-1998. L-attur kien ammetta l-akkuza u nstab hati taht piena ta' multa ta' Lm100.00 u nghata xahrejn zmien sabiex jottempra ruhu mal-ligi.[25]

71. Fit-tieni process kriminali illi ghadda fis-sena 2005, kien akkuzat talli naqas illi jikkonforma ruhu mal-ewwel sentenza ghall-perjodu mit-8 ta' April 2002 sal-11 ta' Settembru 2003. Hawnhekk l-attur ukoll ammetta l-akkuza u skont l-Artikolu 76 tal-Kap. 406 gie misjub hati u kkundannatu ihallas multa ta' Lm3,132[26].

72. Fit-tielet proceduri kontrih huwa gie akkuzat talli naqas illi jikkonforma ruhu mal-ewwel sentenza [27] ghall-perjodu mit-12 ta'

[24] Supra.
[25] Vide sentenza datata 7 ta' Frar 2002 a fol 87.
[26] Vide sentenza datata 17 ta' Novembru 2005 a fol 94.
[27] U mhux kif sehqet l-ewwel Qorti 'talli naqas illi jikkonforma ruhu mat-tieni sentenza'. L-akkuza, anke fit-tielet procediment, kienet tirreferi ghal nuqqas ta' adempjenza mal-

Settembru 2003 sal-14 ta' Novembru 2005. Il-Qorti, dejjem skont l-Artikolu 76 tal-Kap. 406, u fuq ammissjoni tieghu, sabet lill-attur hati u ikkundannatu jhallas multa ta' €11,111.11.[28]

73. Din il-Qorti tosserva li mill-premess jirrizulta manifest li t-tieni u t-tielet sentenza ma jirreferux ghall-istess reat li ghalih l-attur kien diga` gie processat u li ghalih kien diga` gie sentenzjat fl-ewwel sentenza, imma jirreferu ghan-nuqqas da parti tieghu li jottempora ruhu ma' dak ordnat lilu fl-ewwel sentenza u, ghal perjodi differenti. Ghaldaqstant mhuwiex validu l-argument li l-vjolazzjoni tal-principju tan-*ne bis in idem* tikkonsisti fil-fatt illi wara l-ewwel sentenza ittiehdu kontra l-attur proceduri kriminali ulterjuri li wasslu ghas-sentenzi li nghataw mill-Qorti tal-Magistrati fis-snin 2005 u 2008.

74. Imiss issa li jigi ezaminat jekk giex vjolat id-dritt fundamentali tal-attur, li ma jigix sentenzjat jew kastigat darbtejn ghall-istess fatti, bit-tehid ta' proceduri penali kontra tieghu meta kienu diga` imposti fuqu multi amministrattivi minn naha tal-Kummissarju.

75. Jirrizulta kif ben osservat l-ewwel Qorti, illi l-Kap. 406 jikkontempla li persuna registrata li tonqos milli tipprezenta d-denunzji fil-hin, tehel multi amministrattivi sostanzjali u imghax fuqhom. Ukoll jinsab assodat

---

ewwel sentenza fejn fiha kien gie ordnat illi jikkonforma ruhu mal-ligi fi zmien xahrejn minn dakinhar.

[28] Vide sentenza tal-20 ta' Frar 2008.

fil-gurisprudenza Ewropea kostanti in materja[29] illi, in kwantu l-multi amministrattivi jew penalitajiet u l-imghax fuqhom huma intizi sabiex iservu ta' deterrent u bhala mizuri punitivi u kemm-il darba dawn ikunu f'ammonti sostanzjali allura jikkwalifikaw bhala *'criminal penalty'*.

76. Huwa dan il-fattur ta' konkorrenza tal-multi amministrattivi u multi imposti mill-qrati kriminali li seta' jwassal ghall-vjolazzjoni tal-principju tan-*ne bis in idem* u mhux, kif osservat l-ewwel Qorti, il-fatt li inghataw tlett sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati relattivi ghan-nuqqas tal-attur riferibbilment ghall-perjodi differenti.

77. F'dan ir-rigward il-konvenuti kienu korretti fis-sottomissjoni taghhom li – "*…l-appellant .. qatt ma tressaq [quddiem il-Qorti tal-Magistrati] ghall-istess fatt darbtejn izda r-reat li tieghu gie akkuzat kien jirreferi ghan-nuqqas ta' ottemperanza ma' ordni tal-qrati kriminali relattivament ghall-perjodi differenti…*"*;* ghax fil-fehma ta' din il-Qorti dak li huwa vjolattiv tal-principju tan-*ne bis in idem* mhumiex il-proceduri kriminali wahedhom izda l-fatt li dawn il-proceduri kienu ttiehdu fl-istess zmien li fih il-Kummissarju kien diga` impona fuq l-attur multi amministrattivi sostanzjali ghall-istess nuqqas li kien jifforma l-mertu tal-proceduri kriminali.

---

[29] Vide fost ohrajn **Ozturk v. Germany** App No 8544/79 [1984] u **Ruotsalainen v. Finland** App No 13079/03 [2009] u **Grande Stevens v. Italy** su-citata.

78. F'dan l-istadju huwa opportun li jigi ezaminat il-*quantum* ta' dawn il-multi amministrattivi imposti fuq l-attur. Fir-risposta taghhom ghar-rikors tal-appell il-konvenuti jissenjalaw li "*l-late payment penalty tigi kkalkulata bir-rata ta' 1% fix-xahar. Madankollu, il-proviso tal-artikolu 28[1] tal-Kap. 406 li ddahhal fl-1 ta' Jannar 2009 jipprovdi li f'kull kaz il-late payment penalty hija capped ghal €250*". Din il-Qorti tosserva fir-rigward li, ghalkemm huwa minnu li permezz tal-Att II tas-sena 2004[30] l-Artikolu 38 [1] kien gie emendat inter alia bl-introduzzjoni tal-proviso li ghaliha jirreferu l-konvenuti, din il-bidla fil-ligi, li skont l-istess Att kellha tigi fis-sehh fl-1 ta' Jannar 2010[31], ma tista' tkun ta' ebda konfort ghat-tezi tal-konvenuti, ghaliex meta dahlet fis-sehh l-imsemmija proviso s-sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kienu diga` inghataw u l-effett legali taghhom fuq l-attur kien diga` vigenti.

79. Mill-provi jirrizulta li l-multi amministrattivi li l-attur kien qed jigi mitlub li jhallas mill-Kummissarju kienu jammontaw ghal sommom sostanzjali ta' flus: mid-dokument VAT2[32] jirrizultaw mitluba l-ammonti ta' €16,205 bhala *Late Return Penalty* u ta' €18,507.64 bhala *Short Payment Penalty* u, ladarba ghan-nuqqas tal-attur kienu qed jigu imposti multi amministrattivi li sat-30 ta' Mejju 2012 kienu lahqu l-ammont komplessiv ta' €39,728.64[33] allura l-proceduri gudizzjarji mehuda kontra

---

[30] Art.43.
[31] Att.II – art.36 [1][b].
[32] Fol. 199.
[33] Supra.

tieghu kienu vjolattivi tal-principju fuq citat ghar-ragunijiet fuq spjegati[34].

80. Dan ifisser illi l-annullament mill-ewwel Qorti tal-proceduri penali u tal-konsegwenti pieni hemmhekk imposti, kellhom jinkludu wkoll dawk li il-proceduri penali wasslu ghas-sentenza tas-7 ta' Frar 2002 tenut kont tal-fatt li anke f'dak iz-zmien il-multi amministrattivi kienu diga` gew imposti u baqghu jizdiedu progressivament.

81. Inoltre, il-fatt li l-pendenza tal-hlas ta' dawn il-multi amministrattivi giet eventwalment rizolta fit-30 ta' Mejju 2012 meta l-attur ibbenefika mill-iskema ta' amnestija mahruga fis-sena 2012 bil-hlas da parti tieghu tal-ammont ta' €8,151.68, ma jimmilitax kontra l-konsiderazzjonijiet premessi ghax sa dak iz-zmien huwa kien ghad kellu pendenti mhux biss il-multi amministrattivi fl-ammont komplessiv fuq indikat, izda wkoll il-pieni li kien wehel mill-Qorti tal-Magistati, liema pieni kienu diga` gew inflitti meta ddahhal il-provizo [35] fl-Artikolu 38[1] tal-Kap.406, liema emenda kienet dahlet fis-sehh fl-1 ta' Jannar 2010.[36]

82. Ghaldaqstant, tenut kont li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 38[3] tal-Kap. 406 [vigenti qabel l-emendi li gew fis-sehh fl-1 ta' Jannar 2010], l-attur, minhabba n-nuqqas tieghu li jipprezenta d-denunzji relattivi skont l-istess Kap., kien soggett ghal multi amministrattivi sostanzjali li

[34] Paragrafu 70-79
[35] Att II Art.43.
[36] Ibid. Art. 36[1][b].

jikkwalifikaw bhala ta' natura penali u fl-istess hin tressqu proceduri kriminali kontra tieghu li wasslu ghall-kundanni fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Magistrati, ghall-istess nuqqas, il-hames aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

*Is-Sitt Aggravju*

83. Dan jirrigwarda r-rimedji moghtija mill-ewwel Qorti u, senjatament il-fatt li apparti d-dikjarazzjoni ta' ksur dik il-Qorti ikkonkludiet li l-Artikolu 83[3] tal-Kap. 406 ma kienx japplika fil-konfront tal-appellant u iddikjarat bhala nulli u bla effett il-multi inflitti fil-konfront tal-attur, kif ukoll iddikjarat minghajr effett is-sentenza tal-20 ta' Frar 2008.

84. Il-konvenuti jghidu inter alia illi r-rimedju mitlub mill-attur ma huwiex gustifikat. Jghidu li l-kompitu ta' din il-Qorti hu li tanalizza l-kompatibilita` tal-proceduri li minnhom qed jilmenta l-attur mal-konvenzjoni u l-kostituzzjoni, u l-iskop tad-dispozizzjonijiet tal-Konvenzjoni huwa sabiex jigu stabbiliti standards, u s-sejbien ta' vjolazzjoni ta' dawn l-*istandards* huwa r-rimedju ewlieni.

85. L-attur iwiegeb in succint illi jkun tassew fieragh li kieku l-ewwel Qorti sabet vjolazzjoni u akkordat biss dikjarazzjoni. Ladarba hu kien gie ipprocessat meta ma kellux jigi processat, u b'rizultat ta' dan gie

immultat somom kbar, allura dik il-vjolazzjoni ma tistax tigi indrizzata hlief li l-multi jigu dikjarati minghajr effett u jithassar is-sejbien ta' htija fil-konfront tieghu.

86. Jghid illi fil-konfront ta' dak kollu li ghadda minnu, l-ewwel Qorti tat il-minimu li setghet taghti fic-cirkostanzi u ma ghandux jitnaqqas b'ebda mod, anke in vista tal-fatt li l-ewwel Qorti iddecidiet li kull parti kellha tbati l-ispejjez taghha.

**<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>**

87. A skans ta' ripetizzjoni, dwar ir-rimedji attribwiti, din il-Qorti tikkondividi l-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti.

88. B'zieda ma' dak din il-Qorti tosserva wkoll illi ma tistax tilqa' l-aggravju tal-konvenuti illi dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni tad-dritt tal-attur hija bizzejjed u tieqaf hemm. F'kaz li taghmel hekk tkun qed tawtorizza l-persistenza tal-vjolazzjoni tad-drittijiet tieghu.

89. Id-duplicita` tal-proceduri kontra l-attur li rrizultaw f'impozizzjoni ta' multi amministrattivi u kundanni fi proceduri penali ittiehdu abbazi tal-Artikolu 83[3] fuq citat.

90. Din il-Qorti tosserva li l-ewwel Qorti kienet korretta fil-konkluzjoni taghha li l-Artikolu 83[3] tal-Kap. 406, safejn jippermetti proceduri kriminali b'zieda mal-multi u penali amministrattivi, huwa inkonsistenti mal-Artikolu 4 tas-7 Protokoll tal-Konvenzjoni, in kwantu dak is-subinciz jipprospetta proprju sitwazzjoni bhal dik in dizamina fejn persuna, oltre l-impozizzjoni ta' multa amministrattiva ghan-nuqqas taghha tigi sottoposta ghal proceduri penali ulterjuri u sentenzjat ghall-istess nuqqas.

91. Konformament mal-premess din il-Qorti tikkondividi d-decizjoni tal-ewwel Qorti limitatament fejn iddecidiet li l-multi inflitti permezz tas-sentenzi tas-17 ta' Novembru 2005 u tal-20 ta' Frar 2008 ghandhom jitqiesu li huma bla effett galadarba inghataw meta l-multi amministrattivi kienu ghadhom pendenti kif permess mill-istess Artikolu 83[3] b'lezjoni tad-dritt fundamentali tal-attur fuq indikat.  Ghalkemm l-ewwel Qorti sabet li anke l-ewwel sentenza kriminali tas-7 ta' Frar 2002, kienet bi ksur tal-principju *ne bis in idem* din il-Qorti ma tistax thassar ukoll dik is-sentenza billi ma sarx appell minn dik il-parti tas-sentenza appellata.

Minn naha l-ohra ma tikkondividix id-decizjoni tal-ewwel Qorti li l-vjolazzjoni tad-dritt in dizamina tolqot ukoll l-impozizzjoni tal-multi amministrattivi, ghax il-ksur ta' dan id-dritt fundamenti ma sehhx bl-impozizzjoni tal-multi izda bil-ftuh tal-proceduri kriminali meta kienu

ghadhom pendenti l-pieni amministrattivi.

92. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa infondat u qed jigi respint.

Decide

Ghaldaqstant tiddeciedi billi: tilqa' l-appell relattivament ghall-ewwel aggravju u, filwaqt li tirrevoka dik il-parti tas-sentenza tad-9 ta' Frar 2012 fejn cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, tilqa' l-istess eccezzjoni u tillibera lill-Onorevoli Prim Ministru mill-osservanza tal-gudizzju; tilqa' l-appell relattivament ghas-sitt aggravju limitatament billi tiddikjara li l-impozizzjoni tal-multi amministrattivi fil-kaz odjern ma kenitx vjolattiva tal-Artikolu 4 tas-7 Protokoll tal-Konvenzjoni u ghaldaqstant tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn gie dikjarat li fir-rigward tal-impozizzjoni tal-multi amministrattivi l-applikazzjoni tal-Artikolu 83(3) tal-Kap. 406, safejn dak l-artikolu jippermetti proceduri kriminali b'zieda ma' dawk amministrattivi, huwa bla effett fil-konfront tar-rikorrenti.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi hlief dawk tal-Prim Ministru li jkunu a karigu tal-attur. Dawk tal-appell hlief dawk tal-Prim Ministru li ghandhom jithallsu mill-attur, ikunu a kariku tal-konvenuti in kwantu ghal erbgha minn hamsa ($^{4}/_{5}$) filwaqt li r-rimanenti kwint ($^{1}/_{5}$) ikun a kariku tal-attur.

Tordna li a kura tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Civili kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lill-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati a tenur tal-Artikolu 242 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df